

ANNESS I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita
Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita
Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksija b'rita

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita

Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 25 mg ta' sildenafil.

Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita

Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 50 mg ta' sildenafil.

Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksija b'rita

Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 100 mg ta' sildenafil.

Għal-lista kompluta ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pillola miksija b'rita.

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita

Pillola miksija b'rita, minn bajda sa bajda tagħti fil-griż, oblunga, bit-tarf.

Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita

Pillola miksija b'rita, minn bajda sa bajda tagħti fil-griż, oblunga, bit-tarf u sinjal minn fejn tista' tinqasam fuq naħa waħda. Il-pillola tista' tinqasam f'dożi indaqs.

Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksija b'rita

Pillola miksija b'rita, minn bajda sa bajda tagħti fil-griż, oblunga, bit-tarf u sinjal minn fejn tista' tinqasam fuq naħa waħda. Il-pillola tista' tinqasam f'dożi indaqs.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Sildenafil ratiopharm hu indikat f'irġiel adulti b'disfunzjoni erettile. Dan jirreferi meta wieħed ma jistax ikollu jew iżomm erezzjoni għal tul ta' żmien biżżejjed biex l-att sesswali jseħħ b'mod sodisfaċenti.

Biex sildenafil ikun effettiv, l-istimulazzjoni sesswali hi meħtieġa.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

L-użu fl-adulti

Id-doża rakkomandata hi ta' 50 mg li tittieħed kif meħtieġ madwar siegħa qabel attività sesswali. Ibbażata fuq l-effiċjenza u t-tollerabilità, id-doża tista' tiżdied għal 100 mg jew titnaqqas għal 25 mg. Id-doża massima rakkomandata hi ta' 100 mg. Il-frekwenza tad-dożaġġ massimu rakkomandat hu ta' darba kuljum. Jekk sildenafil jittieħed ma' l-ikel, jista' jdum aktar biex jibda jaħdem meta mqabbel ma' meta jittieħed fuq stonku vojta (ara sezzjoni 5.2).

Popolazzjonijiet speċjali

Anzjani

M'hemm l-ebda ħtieġa għal aġġustament fid-doża għal pazjenti anzjani (ta' ≥ 65 sena).

Indeboliment tal-kliewi

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' dożaġġi mfissra fl-"L-użu fl-adulti" japplikaw għal pazjenti b'indeboliment tal-kliewi ħafif sa moderat (tneħħija tal-kreatinina = 30-80mL/min).

Minħabba li t-tneħħija ta' sildenafil titnaqqas f'pazjenti b'indeboliment sever tal-kliewi (tneħħija tal-kreatinina ta' <30 mL/min) doża ta' 25 mg għandha tiġi kkunsidrata. Ibbażata fuq l-effiċjenza u t-tollerabilità, id-doża tista' tiżdied f'inkrementi għal 50 mg sa 100 mg skont il-ħtieġa.

Indeboliment tal-fwied

Minħabba li t-tneħħija ta' sildenafil f'pazjenti b'indeboliment tal-fwied (eż. ċirrożi) tkun inqas, doża ta' 25 mg għandha tiġi kkunsidrata. Ibbażat fuq l-effiċjenza u t-tollerabilità, id-doża tista' tiżdied f'inkrementi għal 50 mg sa 100 mg skont il-ħtieġa.

Popolazzjoni pedjatrika

Sildenafil mhuwiex indikat għal individwi taħt l-età ta' 18-il sena.

L-użu f'pazjenti li jkunu qed jieħdu prodotti mediċinali oħra

Bl-eċċezzjoni ta' ritonavir meta l-ġhoti flimkien ma' sildenafil mhuwiex irrakkomandat (ara sezzjoni 4.4), doża tal-bidu ta' 25 mg għandha tiġi kkunsidrata f'pazjenti li jkunu qed jirċievu kura fl-istess ħin b'inibituri ta' CYP3A4 (ara sezzjoni 4.5).

Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' żvilupp ta' pressjoni baxxa li tiddependi qagħda fiżika ta' dak li jkun f'pazjenti li jkunu qed jirċievu kura b'alpha-blockers, il-pazjenti għandhom jiġu stabilizzati fuq terapija b'alfa blockers qabel ma tinbeda l-kura b'sildenafil. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li tinbeda kura b'sildenafil b'doża ta' 25 mg (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

Metodu ta' kif għandu jingħata

Għal użu orali.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal kwalunkwe wieħed mill-eċċipjenti elenkati fis-sezzjoni 6.1.

Konsistenti mal-effetti magħrufa tiegħu fuq ir-rotta tal-metaboliżmu ta' nitric oxide/cyclic guanosine monophosphate (cGMP) (ara sezzjoni 5.1), intwera li sildenafil isaħħaħ l-effetti ipotensivi tan-nitrati, u l-ġhoti flimkien ma' donaturi ta' nitric oxide (bħal amyl nitrite) jew nitrati f'xi forma oħra hu għalhekk kontraindikat.

It-teħid flimkien ta' inibituri ta' PDE5, inkluż sildenafil, ma' stimulatori ta' guanylate cyclase, bħal riociguat, huwa kontraindikat għax hemm il-possibbiltà li dan iwassal għal ipotensjoni sintomatika (ara sezzjoni 4.5).

Sustanzi għal kura ta' disfunzjoni erettili, fosthom sildenafil, m'għandhomx jintużaw f'irġiel li għalihom l-attività sesswali mhijiex irrakkomandata (eż. pazjenti bi problemi severi kardjovaskulari bħal angina instabbli jew insuffiċjenza kardijaka severa).

Sildenafil hu kontraindikat f'dawk il-pazjenti li tilfu l-viżta f'għajn waħda minħabba newropatija ottika iskemika anterjuri mhux arteritika (NAION), sew jekk dan l-episodju kien assoċjat ma' espożizzjoni għal inibitur ta' PDE5 fil-passat, kif ukoll jekk le (ara sezzjoni 4.4).

Is-sigurtà ta' sildenafil ma' ġietx studjata f' dawn is-sottogruppi ta' pazjenti li g'ejjin, u g'ħalhekk l-użu tiegħu hu kontraindikat: indeboliment sever tal-fwied, pressjoni baxxa (pressjoni tad-demmi ta' <90/50 mmHg), puplesija jew infart mijokardijaku reċenti, kif ukoll disturbi ereditarju magħrufa ta' deġenerazzjoni tar-retina, bħal *retinitis pigmentosa* (minoranza ta' dawn il-pazjenti għandhom disturbi ġenetiċi ta' phosphodiesterases retinali).

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Għandu jitqies il-passat mediku tal-pazjent u jsir eżami fiżiku, biex issir dijanjożi tal-problema ta' l-erezzjoni u jiġu determinati raġunijiet oħra li jista' jkun hemm, qabel ma tinbeda kura farmakoloġika.

Fatturi ta' riskju kardjovaskulari

Wieħed għandu jieħu storja tal-pazjent ta' xi mard li kellu u jsir eżami fiżiku biex issir dijanjożi tal-problema tad-disfunzjoni erettili u jiġu ddeterminati kawżi potenzjali diġà eżistenti, qabel ma tiġi kkunsidrata l-kura farmakoloġika.

Qabel ma tibda xi kura għal disfunzjoni erettili, it-tabib għandu jikkunsidra l-istat kardjovaskulari tal-pazjent, minħabba li hemm ċertu riskju kardijaku assoċjat ma' attività sesswali. Sildenafil għandu karatteristiċi vażodilatatorji, li jirriżultaw fi tnaqqis ħafif u temporanju tal-pressjoni tad-demmi (ara sezzjoni 5.1). Qabel ma jiktbu riċetta għal sildenafil, it-tobba għandhom jikkunsidraw bir-reqqa jekk il-pazjenti tagħhom għandhom kundizzjonijiet diġà eżistenti li jistgħu jkunu affettwati ħażin minn dawn l-effetti ta' vażodilatazzjoni, speċjalment flimkien ma' attività sesswali. Pazjenti li għandhom żieda fis-suxxettibilità għal sustanzi vażodilatatorji jinkludu dawk li jsofru minn ostruzzjoni tal-fluss ventikulari 'il barra tax-xellug (eż. stenożi tal-aorta, kardjomijopatija ipertropika ostruttiva), jew dawk bis-sindrome rari ta' atrofija ta' sistemi diversi li jidher bħala kontroll awtonomu tal-pressjoni tad-demmi li jgħib indeboliment sever.

Sildenafil isaħħaħ l-effett ipotensiv tan-nitrates (ara sezzjoni 4.3).

Wara li tpoġġa fis-suq, ġew irrappurtati każijiet kardjovaskulari serji marbuta mal-użu fl-istess ħin ta' sildenafil, li jinkludu infart mijokardijaku, angina instabbli, mewt kardijaka ħabta u sabta, aritmija ventrikulari, emorraġija ċerebrovaskulari, attakk iskemiku temporanju, pressjoni għolja u pressjoni baxxa. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-pazjenti, iżda mhux kollha, kellhom fatturi ta' riskju kardjovaskulari diġà eżistenti. Ħafna każijiet ġew irrappurtati li seħħew matul jew ftit wara l-att sesswali u ftit ġew irrappurtati li seħħew wara l-użu ta' sildenafil mingħajr attività sesswali. Mhux possibbli li jiġi ddeterminat jekk dawn il-każijiet kienux relatati direttament ma' dawn il-fatturi jew ma' fatturi oħra.

Prijapiżmu

Sustanzi għal kura ta' disfunzjoni erettili fosthom sildenafil, għandhom jintużaw b'kawtela f'pazjenti b'deformazzjoni anatomika tal-pene (bħal angulazzjoni, fibrosi fil-*corpus cavernosum* jew il-marda ta' Peyronie), jew f'pazjenti li għandhom kundizzjonijiet li jagħmluhom predisposti għal prijapiżmu (bħal anemija tas-*sickle cells*, majeloma multipla jew lewkimja).

Erezzjonijiet fit-tul u prijapiżmu ġew irrappurtati b'sildenafil f'esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Fil-każ ta' erezzjoni li tippersisti għal iktar minn 4 sigħat, il-pazjent għandu jfittex għajna medika immedjatament. Jekk il-prijapiżmu ma jiġix ikkurat immedjatament, tista' tirriżulta ħsara fit-tessut tal-pene u telf permanenti fil-potenza.

L-użu fl-istess ħin ma' inibituri oħrajn ta' PDE5 jew kuri oħrajn għal disfunzjoni erettili

Is-sigurtà u effiċjenza ta' taħlit ta' sildenafil ma' inibituri oħrajn ta' PDE5, jew ma' kuri oħrajn għal pressjoni għolja tal-arterja pulmonari (PAH) li jkun fihom sildenafil, jew kuri oħra għal disfunzjoni erettili ma' ġewx studjati. Għalhekk l-użu ta' dan it-taħlit mhuwiex irrakkomandat.

Effetti fuq il-vista

Każijiet ta' difetti fil-vista relatati ma' l-amministrazzjoni ta' sildenafil u inibituri ta' PDE5 oħrajn ġew irrapportati b'mod spontanju (ara sezzjoni 4.8). Każijiet ta' newropatija anterjuri iskimika, mhux arteritika ta' l-għajn, kundizzjoni rari, relatati mal-amministrazzjoni ta' sildenafil u inibituri ta' PDE5 oħrajn ġew irrapportati b'mod spontanju fi studju ta' osservazzjoni (ara sezzjoni 4.8). Il-pazjenti għandhom jkunu avżati li fl-eventwalità li f'daqqa waħda jiżviluppaw kwalunkwe difett fil-vista, dawn għandhom iwaqqfu s-sildenafil u jkellmu tabib immedjament (ara sezzjoni 4.3).

L-użu fl-istess ħin ma' ritonavir

L-għoti flimkien ta' sildenafil ma' ritonavir mhuwiex irrakkomandat (ara sezzjoni 4.5).

L-użu fl-istess ħin ma' alpha-blockers

Sildenafil għandu jintuża b'kawtela minn dawk li qed jieħdu alpha-blockers għax l-għoti flimkien jista' jwassal għal pressjoni baxxa sintomatika f'xi pazjenti (ara sezzjoni 4.5). Dan hu l-aktar probabbli li jseħħ fi żmien 4 sigħat wara li tittieħed id-doża ta' sildenafil. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' pressjoni baxxa li tiddependi mill-pożizzjoni fiżika ta' dak li jkun, il-pazjenti għandhom ikunu emodinamikament stabbli fuq kura ta' alpha blockers qabel ma tinbeda l-kura b'sildenafil. Għandu jiġi kkunsidrat li tinbeda kura b'sildenafil b'doża ta' 25 mg (ara sezzjoni 4.2). Barra minn hekk, it-tobba għandhom jagħtu parir lill-pazjenti tagħhom x'għandhom jagħmlu f'każ li jkollhom sintomi ta' pressjoni baxxa li tiddependi mill-pożizzjoni fiżika ta' dak li jkun.

L-effett fuq il-ħruġ tad-demm

Studji bi plejtlis fil-bniedem jindikaw li sildenafil isaħħaħ l-effett kontra l-aggregazzjoni ta' sodium nitroprusside *in vitro*. M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà tal-għoti ta' sildenafil f'pazjenti suġġetti għal emorraġija jew ulċera attiva fl-istonku. Għalhekk sildenafil għandu jingħata biss lil dawn il-pazjenti wara eżami bir-reqqa tal-benefiċċju u r-riskju.

Nisa

Sildenafil ratiopharm mhuwiex indikat għall-użu fin-nisa.

Eċċipjent

Sodium

Dan il-prodott mediċinali fih anqas minn 1 mmol sodium (23 mg) f'kull pillola miksija b'rita, jiġifieri essenzjalment 'ħieles mis-sodium'.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Effetti ta' prodotti mediċinali oħra fuq sildenafil

Studji in vitro:

Il-metaboliżmu ta' sildenafil iseħħ l-aktar permezz tal-iżoformi ta' ċitokrom P450 (CYP) 3A4 (rotta ewlenija) u 2C9 (rotta minuri). Għalhekk, l-inibituri ta' dawn l-iżoenzimi jistgħu jnaqqsu it-tneħħija ta' sildenafil u l-indutturi ta' dawn l-iżo-enzimi jistgħu jżidu t-tneħħija ta' sildenafil.

Studji in vivo:

Analiżi farmakokinetika ta' tagħrif minn provi kliniċi fuq grupp ta' pazjenti tindika tnaqqis fit-tneħħija ta' sildenafil meta jingħata ma' inibituri ta' CYP3A4 (bħal ketoconazole, erythromycin, cimetidine). Għalkemm l-ebda żieda ta' inċidenza ta' reazzjonijiet avversi f'dawn il-pazjenti ma ġiet osservata, doża tal-bidu ta' 25 mg għandha tiġi kkunsidrata meta sildenafil jingħata fl-istess ħin ma' inibituri ta' CYP3A4.

L-għoti flimkien ma' l-inibitur ta' HIV protease ritonavir, li hu inibitur potenti ħafna ta' P450, fl-istat stabbli (500 mg darbtejn kuljum) ma' sildenafil (100 mg doża waħda) irriżulta f'żieda ta' 300% (4 darbiet) fis- C_{max} ta' sildenafil u żieda ta' 1,000% (11-il darba) fl-AUC tal-plażma ta' sildenafil. Wara 24 siegħa, il-livelli tal-plażma ta' sildenafil kienu għadhom ta' madwar 200 ng/mL, meta mqabbla ma' madwar 5 ng/mL meta sildenafil ingħata waħdu. Dan hu konsistenti mal-effetti sinifikanti ta' ritonavir fuq medda wiesgħa ta' substrati ta' P450. Sildenafil ma kellu l-ebda effett fuq il-farmakokinetika ta'

ritonavir. Ibbażat fuq dawn ir-riżultati farmakokinetiċi, l-għoti flimkien ta' sildenafil ma' ritonavir mhuwiex irrakkomandat (ara sezzjoni 4.4), u fi kwalunkwe każ, l-ogħla doża ta' sildenafil taħt l-l-ebda ċirkustanza m'għandha taqbeż 25 mg fi żmien 48 siegħa.

L-għoti flimkien tal-inibitur ta' HIV protease saquinavir, inibitur ta' CYP3A4, fl-istat fiss (1200 mg tliet darbiet kuljum) ma' sildenafil (100 mg doża waħda), irriżulta f'żieda ta' 140% fis- C_{max} ta' sildenafil u żieda ta' 210% fl-AUC ta' sildenafil. Sildenafil ma kellu l-ebda effett fuq il-farmakokinetika ta' saquinavir (ara sezzjoni 4.2). Inibituri ta' CYP3A4 aktar b'saħħithom bħal ketoconazole u itraconazole huma mistennija li jkollhom effetti akbar.

Meta doża waħda ta' 100 mg ta' sildenafil ingħatat ma' erythromycin, inibitur moderat ta' CYP3A4, fl-istat fiss (500 mg darbtejn kuljum għal 5 ijiem), kien hemm żieda ta' 182% fl-espożizzjoni sistemika (AUC) ta' sildenafil. F'voluntiera rġiel normali b'saħħithom, ma kien hemm l-ebda evidenza ta' xi effetti ta' azithromycin (500 mg kuljum għal 3 ijiem) fuq l-AUC, C_{max} u t_{max} , il-valur kostanti tar-rata tal-eliminazzjoni jew il-half-life sussegwenti ta' sildenafil jew tal-metabolit prinċipali tiegħu fiċ-ċirkolazzjoni. Cimetidine (800 mg), inibitur ta' ċitokrom P450 u inibitur mhux speċifiku ta' CYP3A4, wassal għal żieda ta' 56% fil-konċentrazzjonijiet tal-plażma ta' sildenafil meta ngħata ma' sildenafil (50 mg) lil voluntiera b'saħħithom.

Il-meraq tal-grejpfrut hu inibitur dgħajef tal-metaboliżmu ta' CYP3A4 li jseħħ fis-superfiċje ta' ġewwa tal-musrana u jista' jwassal għal żidiet żgħar fil-livelli tal-plażma ta' sildenafil.

Dożi waħidhom ta' mediċina kontra l-aċidu fl-istonku (magnesium hydroxide/ aluminium hydroxide) ma affettwawx il-bijodisponibilità ta' sildenafil.

Għalkemm ma sarux studji speċifiċi dwar l-interazzjoni għal prodotti mediċinali kollha, analiżi farmakokinetika tal-popolazzjoni ma turi l-l-ebda effett ta' kura li tingħata fl-istess ħin fuq il-farmakokinetika ta' sildenafil meta miġbura fi gruppi bħala inibituri ta' CYP2C9 (bħal tolbutamide, warfarin, phenytoin), inibituri ta' CYP2D6 (bħal *selective serotonin reuptake inhibitors*, antidepressanti triċikliċi), thiazide u diuretiki relatati, diuretiki *loop* u potassium-sparing, inibituri ta' l-enzima li tikkonverti l-angiotensin, channel blockers tal-calcium, antagonisti beta-adrenoreceptor jew *inducers* tal-metaboliżmu CYP450 (bħal rifampicin, barbiturate). Fi studju ta' voluntiera rġiel b'saħħithom, amministrazzjoni ta' antagonist tal-endothelin, bosetan, (induttur ta' CYP3A4 [moderat], CYP2C9 u possibilmment ta' CYP2C19) fi stat fiss (125 mg darbtejn kuljum) flimkien ma' sildenafil fi stat fiss (80 mg tliet darbiet kuljum) irriżulta fi tnaqqis ta' 62.6% u 55.4% fl-AUC u C_{max} ta' sildenafil rispettivament. Għalhekk, huwa mistenni li amministrazzjoni konkomitanti ta' indutturi b'saħħithom ta' CYP3A4, bħal rifampicin, tista' twassal għal tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet ta' sildenafil fil-plażma.

Nicorandil hu ibridu ta' attivatur tal-kanali tal-potassium u nitrate. Minħabba l-komponent tan-nitrate, għandu l-potenzjal li jirriżulta f'interazzjoni serja ma' sildenafil.

Effetti ta' sildenafil fuq prodotti mediċinali oħra

Studji in vitro

Sildenafil hu inibitur dgħajef ta' ċitokrom P450 iżoformi 1A2, 2C9, 2C19, 2D6, 2E1 u 3A4 ($IC_{50} > 150 \mu M$). Bl-ogħla konċentrazzjonijiet ta' sildenafil fil-plażma ta' madwar 1 μM wara dożi rrakkomandati, mhux mistenni li sildenafil jibdel it-tneħħija tas-substrati ta' dawn l-iżoenzimi.

M'hemmx dejta dwar l-interazzjoni bejn sildenafil u inibituri mhux speċifiċi ta' phosphodiesterase, bħal theophylline jew dipyridamole.

Studji in vivo

B'mod konformi mal-effetti magħrufin ta' sildenafil fuq il-passaġġ tan-nitric oxide/cGMP (ara sezzjoni 5.1), intwera li sildenafil iżid l-effetti tan-nitrati li jnaqqsu l-pressjoni, u għaldaqstant l-għoti flimkien ta' sildenafil u donaturi ta' nitric oxide jew nitrati fi kwalunkwe forma hu kontraindikati (ara sezzjoni 4.3).

Riociguat: Studji qabel l-użu kliniku wrew żieda fl-effett li titbaxxa l-pressjoni sistemika tad-demmm meta inibituri ta' PDE5 intużaw flimkien ma' riociguat. Fi studji kliniċi, ġie muri li riociguat jżid l-effetti ipotensivi tal-inibituri ta' PDE5. Fil-popolazzjoni taħt studju ma kien hemm ebda evidenza li dan it-teħid flimkien kellu xi effett kliniku favorevoli. It-teħid fl-istess ħin ta' riociguat ma' inibituri ta' PDE5, inkluż sildenafil, huwa kontraindikata (ara sezzjoni 4.3).

L-ġħoti flimkien ta' sildenafil lil pazjenti li jkunu qed jirċievu terapija b'alpha blockers jista' jirriżulta fi pressjoni baxxa sintomatika fi ftit individwi suxxettibbli. Dan jista' jseħħ l-aktar sa 4 sigħat wara li tittieħed id-doża ta' sildenafil (ara sezzjonijiet 4.2 u 4.4). Fi tliet studji speċifiċi dwar l-interazzjonijiet bejn żewġ prodotti mediċinali, alpha blocker doxazocin (4 mg u 8 mg) u sildenafil (25 mg, 50 mg u 100 mg), ingħataw fl-istess ħin lil pazjenti bi tkabbir beninn tal-prostata (BPH), stabbilizzati fuq terapija b' doxazocin. F'dawn il-popolazzjonijiet tal-istudji, kien osservat tnaqqis addizzjonali medju tal-pressjoni tad-demmm meta kienu mimdudin ta' 7/7 mmHg, 9/5 mmHg u 8/4 mmHg rispettivament u tnaqqis addizzjonali medju ta' 6/6 mmHg, 11/4 mmHg u 4/5 mmHg tal-pressjoni tad-demmm meta kienu bilwieqfa. Meta sildenafil u doxazocin ingħataw fl-istess ħin lil pazjenti stabbilizzati fuq terapija b' doxazocin, kien hemm rapporti mhux spissi ta' pazjenti li kellhom pressjoni baxxa sintomatika li tiddependi mill-pożizzjoni fiżika ta' dak li jkun. Dawn ir-rapporti kienu jinkludu sturdament qawwi u sturdament ħafif, imma mhux sinkope.

Ma kien hemm l-ebda interazzjonijiet sinifikanti meta sildenafil (50 mg) ingħata ma' tolbutamide (250 mg) jew warfarin (40 mg), li t-tnejn li huma jiġu mmetabolizzati minn CYP2C9.

Sildenafil (50 mg) ma saħħaħx iż-żieda fil-ħin tal-ħruġ ta' demm ikkaġunat minn acetyl salicylic acid (150 mg).

Sildenafil (50 mg) ma żiedx l-effetti ipotensivi tal-alkoħol f'voluntiera b'saħħithom b'medja ta' l-ogħla livelli ta' alkoħol fid-demmm ta' 80 mg/dl.

Il-ġbir tal-klassijiet li ġejjin ta' mediċini ta' kontra l-pressjoni għolja, diuretiċi, beta-blockers, inibituri ta' ACE, antagonisti ta' angiotensin II, prodotti mediċinali kontra l-pressjoni għolja (lokalment fuq l-arterji jew fuq is-sistema ċentrali), adrenergic neurone blockers, channel blockers tal-calcium u alpha-adrenoceptor blockers, ma wrew l-l-ebda differenza fil-profil ta' effetti sekondarji f'pazjenti li jkunu ħadu sildenafil meta mqabbla ma' kura bil-plaċebo. Fi studju speċifiku dwar l-interazzjonijiet fejn sildenafil (100 mg) ingħata flimkien ma' amlodipine f'pazjenti bi pressjoni għolja, kien hemm tnaqqis addizzjonali fil-pressjoni sistolika tad-demmm fil-pożizzjoni mimduda ta' 8 mmHg. It-tnaqqis korrispondenti fil-pressjoni diastolika tad-demmm fil-pożizzjoni mimduda kienet ta' 7 mmHg. Dan it-tnaqqis addizzjonali fil-pressjoni tad-demmm kien jixbah lil dak li seħħ meta sildenafil ingħata waħdu lil voluntiera b'saħħithom (ara sezzjoni 5.1).

Iż-żieda ta' doża waħda ta' sildenafil ma' sacubitril/valsartan fi stat fiss f'pazjenti bi pressjoni għolja kienet assoċjata ma' tnaqqis sinifikament akbar fil-pressjoni tad-demmm meta mqabbel mal-ġħoti ta' sacubitril/valsartan waħdu. Għalhekk, għandha tiġi eżerċitata l-kawtela meta sildenafil jinbeda f'pazjenti ttrattati b'sacubitril/valsartan.

Sildenafil (100 mg) ma affettwax il-farmakokinetika fl-istat fiss tal-inibituri ta' HIV protease, saquinavir u ritonavir, it-tnejn li huma substrati CYP3A4.

F'voluntiera rġiel b'saħħithom, sildenafil fi stat fiss (80mg t.i.d.) irriżulta f'żieda ta' 49.8% fl-AUC ta' bosentan u żieda ta' 42% fis- C_{max} ta' bosentan (125mg b.i.d.).

4.6 Fertilità, tqala u treddiġħ

Sildenafil mhuwiex indikata għall-użu min-nisa.

M'hemm l-ebda studji adegwati u kkontrollati tajjeb fuq nisa tqal u li jkunu qed ireddiġħu.

Ma nstabu l-ebda effetti avversi rilevanti fi studji dwar ir-riproduzzjoni fil-firien u l-fniek wara l-għoti orali ta' sildenafil.

Ma kien hemm l-ebda effett fuq il-motilità jew il-morfoloġija tal-isperma wara dożi orali singoli ta' 100 mg ta' sildenafil f'voluntiera b'saħħithom (ara sezzjoni 5.1).

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Ma sarux studji dwar l-effett ta' sildenafil fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni.

Minħabba li ġew irrappurtati sturdament u tibdil fil-viżta fi provi kliniċi b'sildenafil, il-pazjenti għandhom ikunu konxji x'effett għandu fuqhom sildenafil, qabel ma jsuqu jew iħaddmu xi magni.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil tas-sigurtà

Il-profil tas-sigurtà ta' sildenafil hu bbażat fuq 9,570 pazjent f'74 studji kliniċi kkontrollati bil-plaċebo double-blind. L-aktar reazzjonijiet avversi li ġew irrappurtati minn fost il-pazjenti li kienu kkurati b'sildenafil fl-istudji kliniċi kienu wġiħ ta' ras, fwawar, dispepsja, konġestjoni fl-imnieħer, sturdament, dardir, fwawar tal-menopawsa, disturb viżiv, ċjanopsija u vista mċajpra.

Reazzjonijiet avversi ġew miġbura minn sorveljanza ta' wara t-tqegħid tal-prodott fis-suq, fuq perijodu li hu stmat li jkopri medda ta' > 10 snin. Minħabba li mhux ir-reazzjonijiet avversi kollha huma rrappurtati lid-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq, u mniżżla fid-database dwar is-sigurtà, il-frekwenzi ta' dawn ir-reazzjonijiet ma jistgħux ikunu stabbiliti b'mod sod.

Lista tabulata ta' reazzjonijiet avversi

Fit-tabella t'hawn taħt, ir-reazzjonijiet avversi kollha ta' importanza medika, li seħħew fil-provi kliniċi b'inċidenza li kienet iktar minn dik tal-plaċebo, huma mniżżla skont il-klassi tal-organi tas-sistema u l-frekwenzi [komuni ħafna ($\geq 1/10$), komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$), mhux komuni ($\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$), rari ($\geq 1/10,000$ sa $< 1/1,000$)]. F'kull sezzjoni ta' frekwenza, l-effetti mhux mixtieqa huma mniżżla skont kemm huma serji, bl-aktar serji jitniżżlu l-ewwel.

Tabella 1: Reazzjonijiet avversi ta' importanza medika rrappurtati b'inċidenza ta' aktar minn bil-plaċebo fi studji kliniċi kkontrollati, u reazzjonijiet avversi ta' importanza medika rrappurtati minn sorveljanza ta' wara t-tqegħid tal-prodott fis-suq.

Tabella 1: Reazzjonijiet avversi ta' importanza medika b'inċidenza ta' rapporti akbar minn plaċebo fi studji kliniċi kkontrollati, u reazzjonijiet avversi ta' importanza medika rrappurtati minn sorveljanza ta' wara t-tqegħid tal-prodott fis-suq

Sistema tal-Klassifika tal-Organi	Komuni ħafna ($\geq 1/10$)	Komuni ($\geq 1/100$ u $< 1/10$)	Mhux komuni ($\geq 1/1,000$ u $< 1/100$)	Rari ($\geq 1/10,000$ u $< 1/1,000$)
Infezzjonijiet u infestazzjonijiet			Rinite	
Disturbi fis-sistema immuni			Sensittività eċċessiva	

Sistema tal-Klassifika tal-Organ	Komuni ħafna ($\geq 1/10$)	Komuni ($\geq 1/100$ u $< 1/10$)	Mhux komuni ($\geq 1/1,000$ u $< 1/100$)	Rari ($\geq 1/10,000$ u $< 1/1,000$)
Disturbi fis-sistema nervuża	Ugħigh ta' ras	Sturdament	Ngħas tqil, Ipostesja	Aċċident ċerebrovaskulari , Attakk iskemiku temporanju, Attakk ta' puplesija,* Attakki ripetuti ta' puplesija,* Sinkope
Disturbi fl-għajnejn		Kuluri li jidhru viżwalment differenti** Disturbi fil-vista, Vista mċajpra,	Disturbi fid-dmugħ *** Ugħigh fl-għajnejn, Fotofobija, Fotopsja, Iperemija okulari, tara d-dawl qawwi, Konġunktivite,	Newropatija anterjuri iskimika, mhux tal-arterja tal-għajn (NAION), * Sadda fis-sistema vaskulari ġewwa r-retina,* Emorraġija retinali, Retinopatija arterjosklerotika, Disturb retinali, Glawkoma, Difett fil-kamp viżiv, Diplopja, Preċiżjoni viżiva mnaqqsa, Mijopija, Astenopja, Frak f' wiċċ il-likwidu vitruż, Disturb fil-ħabba tal-għajn, Mijadrijażi, Vista ta' awreola, Edema tal-għajn, Nefħa tal-għajn, Disturbi fl-għajnejn, Iperemija tal-kongunktiva, Irritazzjoni tal-għajnejn, Sensazzjoni mhux normali fl-għajnejn, Edema fil-

Sistema tal-Klassifika tal-Organ	Komuni ħafna ($\geq 1/10$)	Komuni ($\geq 1/100$ u $< 1/10$)	Mhux komuni ($\geq 1/1,000$ u $< 1/100$)	Rari ($\geq 1/10,000$ u $< 1/1,000$)
				kappell tal-għajn, Telf fil-kulur sklerali,
Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika			Vertigo, Żanżin fil-widnejn	Truxija
Disturbi fil-qalb			Takikardija, Palpitazzjonijiet	Mewta kardijaka għall-għarrieda,* Infart mijokardijaku, Arritmija ventrikulari,* Fibrillazzjoni atrijali, Angina instabbli
Disturbi vaskulari		Fwawar, Fwawar tal-menopawsa	Pressjoni għolja, pressjoni baxxa	
Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali		Konġestjoni nażali	Epistassi, Konġestjoni tas-sinus	Għafis fuq il-gerżuma, Edema nażali, Imnieħer xott
Disturbi gastro-intestinali		Dardir, Dispepsja	Mard tar-rifluss gastroesofageali, Rimettar, Ugħigh ta' żaqq fil-parti ta' fuq, Ħalq xott	Ipoaestesija orali
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda			Raxx	Sindromu ta' Stevens-Johnson (SJS),* Nekrolisi tossika tal-ġilda (TEN)*
Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi			Mijalġja, Ugħigh fl-estremittajiet	
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarja			Ematurja	

Sistema tal-Klassifika tal-Organj	Komuni ħafna ($\geq 1/10$)	Komuni ($\geq 1/100$ u $< 1/10$)	Mhux komuni ($\geq 1/1,000$ u $< 1/100$)	Rari ($\geq 1/10,000$ u $< 1/1,000$)
Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider				Emorraġija fil-pene, Prijapiżmu,* Ematospermja, Erezzjoni fit-tul,
Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata			Ugħigh fis-sider, Għeja, Tħoss is-sħana	Irritabilità
Investigazzjonijiet			Żieda fir-rata li biha tħabbat il-qalb	

*Irrapportati matul sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq biss

** Kuluri li jidhru viżwalment differenti: Kloropsja, Kromatopsja, Sijanopsja, Eritropsja u Xantopsja

*** Żieda fl-ammont ta' dmugħ: Għajn tinħass xotta, disturbi fid-dmugħ u Żieda fl-ammont ta' dmugħ

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rrapportati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti dwar il-kura tas-saħħa huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#).

4.9 Doża eċċessiva

Fi studji ta' voluntiera li ngħataw doża waħda sa 800 mg, ir-reazzjonijiet avversi kienu simili għal dawk li seħħew b'dożi iżgħar, iżda r-rati ta' inċidenza u s-severità żdiedu. Dożi ta' 200 mg ma rriżultawx f'żieda fl-effikaċja, iżda l-inċidenza ta' reazzjonijiet avversi (ugħigh ta' ras, fwawar, sturdament, dispepsja, konġestjoni nażali, tibdil fil-viżta) żdiedet.

F'każijiet ta' doża eċċessiva, miżuri normali ta' appoġġ għandhom jingħataw kif meħtieġ. Id-dijaliżi tal-kliewi mhijiex mistennija li tħaffef it-tneħħija, għax sildenafil hu marbut b'mod qawwi ma' proteini tal-plażma u ma jitneħħiex mal-awrina.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Uroloġiċi: Pilloli użati għal disfunzjoni erettili, Kodiċi ATC: G04B E03.

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Sildenafil hu terapija orali għal disfunzjoni erettili. Fi sfond naturali, i.e. bi stimolazzjoni sesswali, ineħħi l-problema tal-funzjoni erettili billi jżid l-ammont ta' demm li jmur lejn il-pene.

Il-mekkaniżmu fiżjoloġiku responsabbli għal erezzjoni tal-pene jinvolvi l-ħruġ ta' nitric oxide (NO) fil-*corpus cavernosum* waqt stimolazzjoni sesswali. Nitric oxide mbaġħad jattiva l-enzima guanylate cyclase, li jirriżulta f'livelli miżjuda ta' cyclic guanosine monophosphate (cGMP), u dan jipproduċi rilassament tal-muskoli lixxi fil-*corpus cavernosum* li jimtela bid-demm.

Sildenafil hu inibitur potenti u selettiv ta' *cGMP specific phosphodiesterase type 5 (PDE5)* fil-*corpus cavernosum*, fejn PDE5 hu responsabbli għad-degradazzjoni ta' cGMP. Sildenafil għandu sit periferali ta' azzjoni fuq l-erezzjonijiet. Sildenafil m'għandu l-ebda effett rilassanti dirett fuq il-*corpus cavernosum* isolat tar-raġel iżda jsaħħaħ bil-qawwa l-effett rilassanti ta' NO fuq dan it-tessut. Meta l-passaġġ ta' NO/cGMP jiġi attiv, kif jiġri bl-istimulazzjoni sesswali, l-inibizzjoni ta' PDE5 minn sildenafil tirriżulta f'livelli aktar għoljin ta' cGMP fil-*corpus cavernosum*. Għalhekk l-istimulazzjoni sesswali hi neċessarja biex sildenafil jipproduċi l-effetti farmakoloġiċi kif mixtieq.

Effetti farmakodinamiċi

Studji *in vitro* wrew li sildenafil hu selettiv għal PDE5, li hu involut fil-proċess tal-erezzjoni. L-effett tiegħu hu iżjed potenti fuq PDE5 milli fuq phosphodiesterases oħra magħrufa. Hemm selettività ta' 10 darbiet aktar fuq PDE6 li hu involut fil-*phototransduction pathway* fir-retina. Bl-oġġla dożi rrakkomandati, hemm selettività ta' 80 darba aktar fuq PDE1, u aktar minn 700 darba fuq PDE2, 3, 4, 7, 8, 9, 10 u 11. B'mod partikulari, sildenafil għandu selettività ta' aktar minn 4,000 darba aktar għal PDE5 fuq PDE3, is-*cAMP-specific phosphodiesterase isoform* involut fil-kontroll tal-kontrattilità kardijaka.

Effikaċja klinika u sigurtà

Żewġ studji kliniċi kienu ddisinjati speċifikament biex jeżaminaw il-perijodu ta' ħin wara d-dożaġġ li fih sildenafil jista' jipproduċi erezzjoni b'rispons għal stimulazzjoni sesswali. Fi studju dwar il-pletismografija tal-pene (RigiScan) f'pazjenti sajmin, il-ħin medjan biex jibdeu l-erezzjonijiet li kellhom riġidità ta' 60% (suffiċjenti għall-att sesswali) kien ta' 25 minuta (medda ta' 12-37 minuta) b'sildenafil. Fi studju RigiScan separat, sildenafil xorta kien għadu kapaċi jipproduċi erezzjoni b'rispons għal stimulazzjoni sesswali 4-5 sigħat wara d-doża.

Sildenafil jikkaġuna tnaqqis ħafif u temporanju fil-pressjoni tad-demmi li, fil-maġġoranza tal-każijiet, ma jissarrafx f'effetti kliniċi. Il-medja tan-tnaqqis massimu fil-pressjoni sistolika f'pożizzjoni mimduda wara doża orali ta' 100 mg ta' sildenafil kienet ta' 8.4 mmHg. Il-bidla korrispondenti fil-pressjoni diastolika f'pożizzjoni mimduda kienet ta' 5.5 mmHg. Dan it-tnaqqis fil-pressjoni tad-demmi hu konsistenti mal-effetti ta' vażodilatazzjoni ta' sildenafil, probabbilment minħabba żieda fil-livelli ta' cGMP fil-muskolu lixx vaskulari. Dożi orali waħidhom ta' sildenafil sa 100 mg f'voluntiera b'saħħithom ma pproduċew l-ebda effett klinikalment rilevanti fuq l-ECG.

Fi studju dwar l-effetti emodinamiċi ta' doża waħda orali ta' 100 mg ta' sildenafil f'14-il pazjent b'mard sever tal-arterji koronarji (CAD) (> 70% stenożi f'mill-inqas arterja koronarja waħda), il-pressjoni sistolika u diastolika medja tad-demmi waqt is-serħan naqsu b'7% u 6% rispettivament, meta mqabbla mal-linja bażi. Il-medja tal-pressjoni pulmonari sistolika tad-demmi naqset b'9%. Sildenafil ma wera l-ebda effett fuq l-output tal-qalb, u ma fixkilx iċ-ċirkolazzjoni tad-demmi fl-arterji dojoq tal-qalb.

Prova ta' stress waqt l-eżerċizzju, double-blind, ikkontrollata bi plaċebo, evalwat 144 pazjent b'disfunzjoni erettili u angina stabbli kronika li regolarment irċievu mediċini kontra l-angina (ħlief nitrates). Ir-riżultati wrew li ma kien hemm l-ebda differenza klinikament rilevanti bejn sildenafil u plaċebo fil-ħin ta' limitazzjoni għal angina.

Kien hemm differenzi ħfief u temporanji ta' diskriminazzjoni tal-kulur (blu/aħdar) f'xi pazjenti li użaw

il-Farnsworth-Munsell 100 Hue Test siegħa wara li ħadu doża ta' 100 mg, u ma deher l-ebda effett sagħtejn wara d-doża. Il-mekkaniżmu maħsub għal din il-bidla fid-diskriminazzjoni tal-kulur hu relatat mal-inibizzjoni ta' PDE6, li hu involut fil-*phototransduction cascade* tar-retina. Sildenafil m'għandu l-ebda effett fuq iċ-ċarezza tal-vista jew fuq is-sensittività tal-kuntrast. Fi studju żgħir ikkontrollat bil-plaċebo ta' pazjenti b'deġenerazzjoni makulari bikrija dokumentata relatata mal-età (n=9), sildenafil (doża waħda, 100 mg) ma wera l-ebda tibdil sinifikanti fit-testijiet tal-viżta li saru (ċarezza tal-viżta, Amsler grid, diskriminazzjoni ta' kulur ta' dwal tat-traffiku simulati, Humphrey perimeter u photostress).

Ma kien hemm l-ebda effett fuq il-morfoloġija jew il-motilità tal-isperma wara dożi orali ta' 100 mg ta' sildenafil f'voluntiera b'saħħithom (ara sezzjoni 4.6).

Aktar informazzjoni fuq provi kliniċi

Fi provi kliniċi, sildenafil ingħata lil aktar minn 8,000 pazjent li kellhom 19-87 sena. Kienu rrappreżentati dawn il-gruppi ta' pazjenti li ġejjin: anzjani (19.9%), pazjenti bi pressjoni għolja (30.9%), pazjenti b'diabetes mellitus (20.3%), mard iskemiku tal-qalb (5.8%), iperlipidemija (19.8%), feriti fis-sinsla tad-dahar (0.6%), dipressjoni (5.2%), qtugħ transuretrali tal-prostata (3.7%), prostatektomija radikali (3.3%). Dawn il-gruppi li ġejjin ma kinux irrappreżentati tajjeb jew kienu esklużi mill-provi kliniċi: pazjenti li kellhom operazzjoni tal-pelvis, pazjenti wara radjoterapija, pazjenti b'indeboliment sever tal-kliewi jew tal-fwied u pazjenti b'ċertu kundizzjonijiet kardjovaskulari (ara sezzjoni 4.3).

Fi studji dwar doża fissa, il-proporzjonijiet ta' pazjenti li rrapportaw li l-kura tejbet l-erezzjonijiet tagħhom kienu 62% (25 mg), 74% (50 mg), u 82% (100 mg) meta mqabbla ma' 25% li kienu qed jieħdu l-plaċebo. Fi provi kliniċi kkontrollati, ir-rata ta' twaqqif tal-kura minħabba sildenafil kienet baxxa u simili għal dik tal-plaċebo. Fil-provi kollha, il-proporzjon ta' pazjenti li rrapportaw titjib b'sildenafil kienu kif ġej: disfunzjoni erettili psikogenika (84%), disfunzjoni erettili mħallta (77%), disfunzjoni erettili organika (68%), anzjani (67%), diabetiċi (59%), mard iskemiku tal-qalb (69%), pressjoni għolja (68%), TURP (61%), prostatektomija radikali (43%), feriti fis-sinsla tad-dahar (83%), dipressjoni (75%). Sildenafil żamm l-effikaċja u s-sigurtà tiegħu fi studji li damu żmien twil.

Popolazzjoni pedjatrika

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini irrinunzjat għall-obbligu li jiġu ppreżentati r-riżultati tal-istudji bil-prodott mediċinali ta' referenza li fih sildenafil f'kull sett tal-popolazzjoni pedjatrika fit-trattament ta' problemi ta' l-erezzjoni tal-pene. Ara sezzjoni 4.2 għal informazzjoni dwar l-użu pedjatriku.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Sildenafil jiġi assorbit malajr. L-ogħla konċentrazzjonijiet osservati fil-plażma jintlaħqu fi żmien minn 30 għal 120 minuta (medjan ta' 60 minuta) ta' doża orali fl-istat sajjem. Il-medja tal-bijodisponibilità orali assoluta ta' hi ta' 41% (medda 25-63%). Wara doża orali ta' sildenafil, l-AUC u s- C_{max} jiżdiedu fi proporzjon mad-doża fuq il-medda rrakkomandata tad-doża (25-100 mg).

Meta sildenafil jittieħed mal-ikel, ir-rata ta' assorbiment titnaqqas b'dewmien medju fit- t_{max} ta' 60 minuta u tnaqqis medju fis- C_{max} ta' 29%.

Distribuzzjoni

Il-medja tal-volum ta' distribuzzjoni fl-istat fiss (V_d) għal sildenafil hu ta' 105 l, li jindika distribuzzjoni fit-tessuti. Wara doża orali waħda ta' 100 mg, il-medja tal-ogħla konċentrazzjoni totali fil-plażma ta' sildenafil hi ta' madwar 440 ng/mL (CV 40%). Minħabba li sildenafil (u l-metabolit maġġuri tiegħu fiċ-ċirkolazzjoni *N*-desmethyl) hu 96% marbut ma' proteini tal-plażma, dan jirriżulta fil-medja tal-ogħla konċentrazzjoni ta' plażma ħielsa għal sildenafil ta' 18 ng/mL (38 nM). L-irbit mal-proteini hu indipendenti mill-konċentrazzjonijiet totali tal-pillola.

F'voluntiera b'saħħithom li ħadu sildenafil (doża waħda ta' 100 mg), inqas minn 0.0002% (medja ta' 188 ng) tad-doża mogħtija, kienet preżenti fl-isperma 90 minuta wara d-doża.

Bijotrasformazzjoni

Sildenafil jitneħħa primarjament mill-iżoenzimi mikrożomali CYP3A4 (rotta ewlenija) u CYP2C9 (rotta minuri) tal-fwied. Il-metabolit ewlieni li jiċċirkola jirriżulta minn *N*-demethylation ta' sildenafil. Dan il-metabolit għandu profil ta' selettività ta' phosphodiesterase simili għal sildenafil u potenza *in vitro* għal PDE5 ta' madwar 50% tal-mediċina ewlenija. Konċentrazzjonijiet tal-plażma ta' dan il-metabolit huma ta' madwar 40% ta' dawk li ntwerew għal sildenafil. Il-metabolit *N*-desmethyl jiġi mmetabolizzat iżjed, b'*half-life* terminali ta' madwar 4 sigħat.

Eliminazzjoni

It-tneħħija totali ta' sildenafil mill-ġisem hija ta' 41 L/siegħa li jirriżulta f'*half-life* fil-fażi terminali ta' 3-5 sigħat. Wara jew l-għoti orali jew fil-vina, sildenafil jitneħħa bħala metaboliti b'mod predominanti fl-ippurgar (madwar 80% tad-doża orali mogħtija) u fi proporzjon inqas fl-awrina (madwar 13% tad-doża orali mogħtija).

Farmakokinetika fi gruppi speċjali ta' pazjenti

Anzjani

Voluntiera anzjani b'saħħithom (65 sena jew iżjed) kellhom tneħħija mnaqqsa ta' sildenafil, li rriżultat f'madwar 90% ta' konċentrazzjonijiet oġġla fil-plażma ta' sildenafil u l-metabolit attiv *N*-desmethy, meta mqabbel ma' dawġ li nstabu f'voluntiera żgħażaġh b'saħħithom (18-45 sena). Minħabba differenzi relatati mal-età fl-irbit tal-proteini tal-plażma, ż-żieda korrispondenti fil-konċentrazzjoni fil-plażma ta' sildenafil ħieles kienet ta' madwar 40%.

Insuffiċjenza tal-kliwi

F'voluntiera b'indeboliment tal-kliwi minn ħafif sa moderat (tneħħija tal-krejinina = 30-80 mL/min), il-farmakokinetika ta' sildenafil ma nbidlitx wara doża orali waħda ta' 50 mg. Il-medja tal-AUC u tas- C_{max} tal-metabolit *N*-desmethyl żdiedet sa 126% u sa 73% rispettivament, meta mqabbla ma' voluntiera tal-istess età li ma kellhomx indeboliment tal-kliwi. Madankollu, minħabba varjazzjonijiet kbar bejn il-pazjenti, dawn id-differenzi ma kinux statistikament sinifikanti. F'voluntiera b'indeboliment sever tal-kliwi (tneħħija tal-krejinina ta' < 30mL/min), it-tneħħija ta' sildenafil naqset, u wasslet għal żidiet medji tal-AUC u tas- C_{max} ta' 100% u 88% rispettivament meta mqabbla ma' voluntiera tal-istess età li ma kellhomx indeboliment tal-kliwi. Barra minn dan, il-valuri tal-AUC u tas- C_{max} tal-metabolit *N*-desmethyl żdiedu b'mod sinifikanti b'200% u 79% rispettivament.

Insuffiċjenza tal-fwied

F'voluntiera b'ċirrożi tal-fwied minn ħafifa sa moderata (Child-Pugh A u B) it-tneħħija ta' sildenafil tnaqqset, u dan irriżulta f'żidiet fl-AUC (84%) u fis- C_{max} (47%) meta mqabbla ma' voluntiera tal-istess età li ma kellhomx indeboliment tal-fwied. Il-farmakokinetika ta' sildenafil f'pazjenti b'indeboliment sever tal-fwied ma ġewx studjati.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Tagħrif mhux kliniku ibbażat fuq studji konvenzjonali ta' sigurtà farmakoloġika, effett tossiku minn dożi ripetuti, effett tossiku fuq il-ġeni, riskju ta' kanċer, effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva u l-iżvilupp, ma juri l-ebda periklu speċjali għall-bnedmin

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Microcrystalline cellulose
Hypromellose
Croscarmellose sodium
Magnesium stearate
Calcium hydrogen phosphate
Talc
Macrogol 6000
Titanium dioxide
Iron oxide red

6.2 Inkompatibilitajiet

Mhux applikabbli.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

4 snin

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Folji tal-fojl tal-PVC/PVDC/aluminju

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita

Daqs tal-pakketti ta' 1, 2, 4, 8, jew 12 pilloli miksija b'rita.

Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita

Daqs tal-pakketti ta' 1, 2, 4, 8, 12 jew 24 pilloli miksija b'rita.

Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksija b'rita

Daqs tal-pakketti ta' 1, 2, 4, 8, 12, 24 jew 48 pilloli miksija b'rita.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

L-ebda ħtiġijiet speċjali.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ratiopharm GmbH
Graf-Arco-Straße 3
89079 Ulm
Il-Ġermanja

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita

EU/1/09/603/001

EU/1/09/603/002

EU/1/09/603/003

EU/1/09/603/004

EU/1/09/603/013

Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita

EU/1/09/603/005

EU/1/09/603/006

EU/1/09/603/007

EU/1/09/603/008

EU/1/09/603/014

EU/1/09/603/017

Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksija b'rita

EU/1/09/603/009

EU/1/09/603/010

EU/1/09/603/011

EU/1/09/603/012
EU/1/09/603/015
EU/1/09/603/016
EU/1/09/603/018

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 23 ta' Diċembru, 2009
Date tal-aħħar tiġdid: 9 ta' Settembru 2014.

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

ANNESS II

- A. MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**
- D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

A. MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifatturi responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Merckle GmbH
Ludwig-Merckle-Strasse 3
89143 Blaubeuren
Il-Ġermanja

Teva Operations Poland Sp. z o.o.
ul. Mogilska 80
31-546 Kraków
Il-Polonja

HBM Pharma s.r.o
Sklabinská 30
036 80 Martin
Is-Slovakkja

Fuq il-fuljett ta' tagħrif tal-prodott mediċinali għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott konċernat.

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

• Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà (PSURs)

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati PSURs għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunke aġġornament sussegwenti ppubblikati fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

• Pjan tal-ġestjoni tar-riskju (RMP)

Mhux applikabbli.

ANNESS III

TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita
sildenafil

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 25 mg ta' sildenafil.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

1 pillola miksija b'rita
2 pilloli miksija b'rita
4 pilloli miksija b'rita
8 pilloli miksija b'rita
12-il pillola miksija b'rita

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Għal użu orali

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' SKADENZA

EXP

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ratiopharm GmbH
Graf-Arco-Straße 3
89079 Ulm
Il-Ġermanja

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/09/603/001 1 pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/002 4 pilloli miksija b'rita
EU/1/09/603/003 8 pilloli miksija b'rita
EU/1/09/603/004 12-il pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/013 2-il pillola miksija b'rita

13. NUMRU TAL-LOTT

Lot

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Sildenafil ratiopharm 25 mg

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI

FOLJA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita
sildenafil

2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ratiopharm

3. DATA TA' SKADENZA

EXP

4. NUMRU TAL-LOTT

Lot

5. OĦRAJN

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita
sildenafil

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 50 mg ta' sildenafil.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

1 pillola miksija b'rita
2 pilloli miksija b'rita
4 pilloli miksija b'rita
8 pilloli miksija b'rita
12-il pillola miksija b'rita
24 pillola miksija b'rita

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Għal użu orali

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' SKADENZA

EXP

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ratiopharm GmbH
Graf-Arco-Straße 3
89079 Ulm
Il-Ġermanja

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/09/603/005 1 pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/006 4 pilloli miksija b'rita
EU/1/09/603/007 8 pilloli miksija b'rita
EU/1/09/603/008 12-il pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/014 2-il pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/017 24 pillola miksija b'rita

13. NUMRU TAL-LOTT

Lot

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Sildenafil ratiopharm 50 mg

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI

FOLJA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita
sildenafil

2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ratiopharm

3. DATA TA' SKADENZA

EXP

4. NUMRU TAL-LOTT

Lot

5. OĦRAJN

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksija b'rita
sildenafil

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 100 mg ta' sildenafil.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

1 pillola miksija b'rita
2 pilloli miksija b'rita
4 pilloli miksija b'rita
8 pilloli miksija b'rita
12-il pillola miksija b'rita
24 pillola miksija b'rita
48 pillola miksija b'rita

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Għal użu orali

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' SKADENZA

EXP

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ratiopharm GmbH
Graf-Arco-Straße 3
89079 Ulm
Il-Ġermanja

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/09/603/009 1 pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/010 4 pilloli miksija b'rita
EU/1/09/603/011 8 pilloli miksija b'rita
EU/1/09/603/012 12-il pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/015 2-il pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/016 24 pillola miksija b'rita
EU/1/09/603/018 48 pillola miksija b'rita

13. NUMRU TAL-LOTT

Lot

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Sildenafil ratiopharm 100 mg

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI JEW FUQ L-ISTRIXXI
--

FOLJA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksija b'rita
sildenafil

2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ
--

ratiopharm

3. DATA TA' SKADENZA

EXP

4. NUMRU TAL-LOTT

Lot

5. OĦRAJN

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent

Sildenafil ratiopharm 25 mg pilloli miksija b'rita

sildenafil

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok b'zonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib u lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhum Sildenafil ratiopharm u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Sildenafil ratiopharm
3. Kif għandek tieħu Sildenafil ratiopharm
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Sildenafil ratiopharm
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhum Sildenafil ratiopharm u għalxiex jintuża

Sildenafil ratiopharm fih is-sustanza attiva sildenafil li jappartjeni għall-grupp ta' mediċini msejja inibituri ta' phosphodiesterase ta' tip 5 (PDE5). Din il-mediċina tippermetti li sseħħ erezzjoni għal ħin twil biżżejjed biex inti tista' jkollok attività sesswali sodisfaċenti b'mod sħiħ. Inaqas l-azzjoni tal-kimika naturali f'għismek, li għiegħel li ma jkunx hemm erezzjonijiet. Sildenafil ratiopharm ser jaħdem biss meta tkun stimulat sesswalment.

Għalxiex jintuża Sildenafil ratiopharm

Sildenafil ratiopharm hu kura għal irġiel adulti b'disfunzjoni erettili, xi kultant tissejjaħ impotenza. Dan jiġri meta raġel ma jkunx jista' jikseb erezzjoni jew iżomm pene iebes u erett biżżejjed biex ikollu attività sesswali.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Sildenafil ratiopharm

Tiħux Sildenafil ratiopharm

- jekk inti allerġiku għal sildenafil jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (elenkati fis-sezzjoni 6).
- jekk qed tieħu mediċini li fihom in-nitrates (eż. glycerol trinitrate) jew donaturi ta' nitric oxide (eż. amyl nitrite, imsejja wkoll "poppers"). Dawn il-mediċini ta' spiss jintużaw biex itaffu s-sintomi ta' wġiħ fis-sider (angina pectoris). Li tieħu dawn il-mediċini ma' Sildenafil ratiopharm jista' jaffettwa serjament il-pressjoni tad-demem tiegħek. Għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin. Jekk ma tkunx ċert, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- qed/a tieħu riociguat. Din il-mediċina tintuża għat-trattament tal-ipertensjoni arterjali pulmonarja (i.e., pressjoni għolja tad-demem fil-pulmuni) u ipertensjoni pulmonarja tromboembolika kronika (i.e., pressjoni għolja tad-demem fil-pulmuni kkawżata minn ɔapep fid-demem). Ġie muri li inibituri ta' PDE5, bħal sildenafil, iżidu l-effetti ipotensivi ta' din il-mediċina. Jekk qed/a tieħu riociguat jew m'intix ċert/a għid lit-tabib tiegħek.
- jekk għandek problema severa tal-qalb.
- jekk dan l-aħħar kellek puplesija jew attakk tal-qalb.
- jekk għandek pressjoni tad-demem baxxa.

- jekk għandek problema severa tal-fwied.
- jekk għandek ċertu mard ereditarju rari tal-ġhajnejn (bħal retinite pigmentosa).
- jekk xi darba kellek telf ta' vista minħabba kundizzjoni tal-ġhajnejn magħrufa bħala "puplesija tal-ġhajnejn" (newropatija ottika iskemika anterjuri mhux arteritika, NAION).

Twissijiet u prekawzzjonijiet

Kellem lit-tabib u l-ispiżjar tiegħek qabel tiegħu Sildenafil ratiopharm

- jekk għandek problemi tal-qalb. F'dak il-każ, it-tabib tiegħek għandu jiċċekkja bir-reqqa jekk qalbek tiflaħx għall-istress addizzjonali meta tkun qed tagħmel attività sesswali.
- jekk tbat minn kwalunkwe minn dawn id-disturbi jew sintomi li ġejjin, għax jista' jkollok iktar effetti sekondarji:
 - anormalità taċ-ċelluli tad-demm ħomor (anemija taċ-ċelluli *sickle*);
 - kanċer tad-demm (lewkimja);
 - kanċer tal-mudullun (majeloma multipla);
 - kwalunkwe marda jew deformità tal-pene.
- jekk tbat minn kwalunkwe minn dawn id-disturbi li ġejjin, jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek, u dan ser jiċċekkja bir-reqqa jekk din il-mediċina hijiex adattata għalik:
 - jekk bħalissa għandek ulċera fl-istonku;
 - jekk għandek disturb biex jagħqad id-demm (eż. emofilja).
- jekk tbat minn problemi tal-kliewi jew tal-fwied. Jekk jogħġbok għid lit-tabib dwar dan. F'dan il-każ, hu jista' jiddeċiedi li jagħtik doża iktar baxxa.

M'għandekx tiegħu din il-mediċina

- jekk diġà qed tiegħu kuri oħrajn għal disfunzjoni erettili.
- jekk diġà qed tiegħu kuri oħrajn għal pressjoni għolja arterjali pulmonari (PAH) li jkun fihomsildenafil jew kwalunkwe inibituri oħrajn ta' PDE5.
- jekk m'għandekx disfunzjoni erettili.
- jekk inti mara.

Jekk ikollok tnaqqis jew telf ta' vista għal għarrieda, tiħux aktar Sildenafil ratiopharm u ikkuntattja lit-tabib tiegħek IMMEDIJATAMENT.

Tfal u adolexxenti

Din il-mediċina m'għandhiex tingħata lil tfal u adolexxenti taħt l-età ta' 18-il sena.

Mediċini oħra u Sildenafil ratiopharm

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tiegħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tiegħu xi mediċina oħra.

F'emerġenza medika, għandek tgħid lil xi persuna li tkun qed tiegħu ħsiebek li ħadt Sildenafil ratiopharm.

TIĦUX Sildenafil ratiopharm jekk qed tiegħu mediċini li fihom in-nitrati (eż. glycerol trinitrate) jew donaturi ta' nitric oxide (eż. amyl nitrite, imsejħa wkoll "poppers"). Dawn il-mediċini ta' spiss jintużaw biex itaffu s-sintomi ta' wġiġ fis-sider (angina pectoris). It-teħid fl-istess ħin ta' nitrates jew donaturi ta' nitric oxide ma' Sildenafil ratiopharm jista' jkollu effetti qawwija fuq il-pressjoni tad-demm tiegħek.

Għid lit-tabib jew spiżjar tiegħek jekk diġà qed tiegħu riociguat.

Li tiegħu Sildenafil ratiopharm flimkien ma' xi mediċini jista' jwassal għal problemi. Għalhekk, għid lit-tabib tiegħek jekk qed tiegħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- ritonavir jew saquinavir (mediċini għall-kura ta' infezzjonijiet bl-HIV);
- ketoconazole jew itraconazole (mediċini għall-kura ta' infezzjonijiet fungali);
- erythromycin (antibijotiku);
- cimetidine (mediċina għall-kura ta' qrusa fl-istonku u ulċeri peptiċi);
- alpha blockers (grupp ta' mediċini għall-kura ta' pressjoni tad-demm għolja jew prostata mkabbra [iperplasija prostatika beninna]).

Xi pazjenti li jkunu qed jieħdu alpha blockers jista' jkollhom sturdament jew mejt meta jqumu bilwieqfa. Dawn huma sintomi ta' tnaqqis fil-pressjoni tad-demm meta tqum malajr minn pożizzjoni bilqiegħda jew mimduda (pressjoni baxxa li tiddependi mill-qagħda). Dawn is-sintomi normalment iseħħu fi żmien 4 sigħat minn x'ħin tkun ħadt Sildenafil ratiopharm. Sabiex tnaqqas il-probabbiltà li jseħħu dawn is-sintomi, għandek tibda tieħu Sildenafil ratiopharm biss meta tkun diġà kkontrollat tajjeb fuq doża regolari ta' kuljum tal-alpha blocker.

- mediċini li fihom sacubitril/valsartan, użati biex jittrattaw l-insuffiċjenza tal-qalb.

Jekk qed tieħu waħda minn dawn il-mediċini, it-tabib tiegħek jista' jibdieh fuq l-inqas doża (25 mg) ta' Sildenafil ratiopharm. Jekk qed tieħu ritonavir, ma tistax taqbeż doża massima ta' 25 mg ta' sildenafil f'perijodu ta' 48 siegħa.

Sildenafil ratiopharm ma' ikel, xorb u alkoħol

Meta din il-mediċina tittieħed mal-ikel jista' jkun li Sildenafil ratiopharm idum xi ftit aktar biex jaħdem.

Ix-xorb alkoħoliku jista' jagħmel id-diffikultajiet li wieħed jikseb erezzjoni xierqa. Sabiex tikseb il-benefiċċju massimu mill-mediċina tiegħek, hu rrakkomandat li tevita l-alkoħol qabel ma tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Din il-mediċina tista' tikkawża xi sturdament, jew taffettwa l-viżta jew is-smiġh. Jekk tħossok stordut, jew jekk il-viżta jew is-smiġh tiegħek jiġu affettwati wara li tieħu Sildenafil ratiopharm, m'għandekx issuq jew tħaddem kwalunkwe għodda jew magni.

Sildenafil ratiopharm fih is-sodium

Din il-mediċina fiha anqas minn 1 mmol sodium (23 mg) f'kull pillola miksija b'rita, jiġifieri essenzjalment 'ħielsa mis-sodium'.

3. Kif għandek tieħu Sildenafil ratiopharm

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib jew l-ispiżjar tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Id-doża rakkomandata hija

Hu pillola Sildenafil ratiopharm waħda miksija b'rita madwar siegħa qabel l-attività sesswali. Ibla' l-pillola miksija b'rita sħiħa ma' tazza ilma.

M'għandekx tieħu iktar pilloli miksija b'rita milli jgħidlek it-tabib tiegħek.

M'għandekx tieħu Sildenafil ratiopharm iktar minn darba kuljum.

Din il-mediċina se tgħinek tikseb erezzjoni jekk tkun sesswalment stimulat biss. L-ammont ta' ħin li jieħu Sildenafil ratiopharm biex jaħdem ivarja minn persuna għall-oħra, iżda normalment jieħu bejn nofs siegħa u siegħa. Tista' tinnota li din il-mediċina se tgħinek tieħu aktar żmien biex taħdem jekk teħodha ma' ikla kbira.

Jekk din il-mediċina ma tgħinekx tikseb erezzjoni, jew jekk l-erezzjoni tiegħek ma ddumx biżżejjed biex ikun jista' jkollok att sesswali sodisfaċenti, għandek tgħid lit-tabib tiegħek.

Jekk tieħu Sildenafil ratiopharm aktar milli suppost

Irġiel li jieħu Sildenafil ratiopharm iżżejjed jista' jkollhom iktar effetti sekondarji jew jista' jkollhom uġiġħ sever fil-muskoli. Jekk tieħu iktar Sildenafil ratiopharm minn dak li hemm fuq ir-riċetta, għid it-tabib tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd. Dawn l-effetti sekondarji rrapportati ma' l-użu ta' sildenafil huma ġeneralment ħfief għal moderati u ma jdumux.

Jekk ikollok kwalunkwe minn dawn l-effetti sekondarji li ġejjin, għandek tieqaf tieħu Sildenafil ratiopharm u tfitteż għajna medika immedjatament:

- Reazzjoni allerġika - din isseħħ **b'mod mhux komuni** (tista' taffettwa persuna 1 minn kull 100).
Is-sintomi jinkludu tħarħir tan-nifs f'daqqa, diffikulta' biex tieħu n-nifs u sturdament, nefħa fil-kapell ta' l-għajn, fil-wieċ u fil-grizmejn.
- Uġiġħ fis-sider - dan isseħħ **b'mod mhux komuni**.
Jekk dan isseħħ matul jew wara l-att sesswali:
 - Oqgħod f'pożizzjoni kważi bilqiegħda u pprova rilassa.
 - **Tużax nitrates** biex tikkura l-uġiġħ fis-sider.
- Erezzjonijiet li jdumu żmien twil u kultant bl-uġiġħ -dawn isseħħu **b'mod rari** (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000).
Jekk ikollok erezzjoni bħal din, li ddum kontinwament għal iktar minn 4 sigħat, għandek tikkuntattja tabib immedjatament.
- Tnaqqis jew telf fil-vista f'daqqa - dan isseħħ **b'mod rari**.
- Reazzjonijiet serji tal-ġilda - dawn isseħħu **b'mod rari**.
Is-sintomi jistgħu jinkludu tqaxxir sever u nefħa tal-ġilda, infafet fil-ħalq, fil-partijiet ġenitali u madwar l-għajnejn, deni.
- Puplesiji jew aċċessjonijiet - dawn isseħħu **b'mod rari**.

Effetti sekondarji oħrajn:

Komuni ħafna (jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna 1 minn kull 10): uġiġħ ta' ras.

Komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10): dardir, ħmura fil-wieċ, fwawar tal-menopawsa (sintomi jinkludu sensazzjoni f'daqqa ta' sħana fil-parti ta' fuq tal-ġisem), indiġestjoni, vista mżewwqa b'xi kulur, vista mċajpra, disturb viżiv, imnifsejn miżduda u sturdament.

Mhux komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100): rimettar, raxx, irritazzjoni fl-għajnejn, għajnejn ħomor, uġiġħ fl-għajn, tara leħħiet ta' dawl bħal berqa, luminożità viżiva, sensittività għad-dawl, għajnejn idemmġu, tħbit qawwi tal-qalb, tħbit tal-qalb mgħaġġel, pressjoni għolja, pressjoni baxxa, uġiġħ fil-muskoli, nġhas tqil, tnaqqis fis-sens tal-mess, vertigo, tisfir fil-widnejn, ħalq xott, imnifsejn imblukkati jew mimlijin, infjammazzjoni tar-rita tal-imnieħer (sintomi jinkludu tnixxija, għatis u sadda), uġiġħ addominali fil-parti ta' fuq, mard tar-rifluss gastro-esofaġeali (sintomi jinkludu ħruq ta' stonku), preżenza ta' demm fl-awrina, uġiġħ fid-dirgħajn u r-riġlejn, fsada fl-imnieħer, sensazzjoni ta' sħana u għeja.

Rari (jistgħu' jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000): ħass ħażin, puplesija, attakk tal-qalb, taħbit irregolari tal-qalb, fluss tad-demmm temporanjament imnaqqas għal partijiet tal-moħħ, sensazzjoni ta' ssikkar tal-gerżuma, telf ta' sensazzjoni fil-ħalq, fsada fuq wara tal-għajnejn, tara doppju, tnaqqis fil-preċiżjoni viżiva, sensazzjoni mhux normali fl-għajnejn, nefħa tal-għajn jew tal-kappell tal-għajn, frak jew tikek żgħar fil-vista tiegħek, tara dijadiemi madwar id-dwal, dilatazzjoni tal-ħabba tal-għajn, telf ta' kulur tal-abjad tal-għajnejn, fsada fil-pene, preżenza ta' demm fis-semen, imnieħer xott, nefħa fuq ġewwa tal-imnieħer, tħossok irritabbli u telf f'daqqa tas-smiġħ.

Minn esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, b'mod rari ġew irrappurtati każijiet ta' angina instabbli (kundizzjoni tal-qalb) mewt għall-għarrieda. Ta' min wieħed jinnota li l-biċċa l-kbira tal-irġiel, iżda mhux kollha, li kellhom dawn l-effetti sekondarji kellhom problemi tal-qalb qabel ma ħadu din il-mediċina. Mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit jekk dawn l-avvenimenti kinux marbuta direttament ma' Sildenafil ratiopharm.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

5. Kif taħżen Sildenafil ratiopharm

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħxaq mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi, li tidher fuq il-kaxxa tal-kartun ta' barra u fuq il-folja wara EXP. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Sildenafil ratiopharm

- Is-sustanza attiva hi sildenafil.
- Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 25 mg ta' sildenafil.
- Is-sustanzi l-oħra huma: microcrystalline cellulose, hypromellose, croscarmellose sodium, magnesium stearate, calcium hydrogen phosphate, talc, macrogol 6000, titanium dioxide, iron oxide red.

Kif jidher Sildenafil ratiopharm u l-kontenut tal-pakkett

Sildenafil ratiopharm huma pilloli miksija b'rita, minn bojod sa bojod jagħtu fil-griż, oblunga b'tarf.

Sildenafil ratiopharm hu fornuta f'pakketti ta' 1, 2, 4, 8 jew 12-il pillola miksija b'rita fil-folji. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għal skop kummerċjali.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

ratiopharm GmbH
Graf-Arco-Straße 3
89079 Ulm
Il-Ġermanja

Manifattur

Merckle GmbH
Ludwig-Merckle-Straße 3
89143 Blaubeuren
Il-Ġermanja

Teva Operations Poland Sp. z o.o.
ul. Mogilska 80
31-546 Kraków
Il-Polonja

HBM Pharma s.r.o
Sklabinská 30
036 80 Martin
Is-Slovakkja

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

België/Belgique/Belgien

Teva Pharma Belgium N.V./S.A./AG
Tél/Tel: +32 38207373

Lietuva

UAB Teva Baltics
Tel: +370 52660203

България

Тева Фарма ЕАД
Тел: +359 24899585

Luxembourg/Luxemburg

ratiopharm GmbH
Allemagne/Deutschland
Tél/Tel: +49 73140202

Česká republika

Teva Pharmaceuticals CR, s.r.o.
Tel: +420 251007111

Magyarország

Teva Gyógyszergyár Zrt.
Tel: +36 12886400

Danmark

Teva Denmark A/S
Tlf: +45 44985511

Malta

Teva Pharmaceuticals Ireland
L-Irlanda
Tel: +44 2075407117

Deutschland

ratiopharm GmbH
Tel: +49 73140202

Nederland

Teva Nederland B.V.
Tel: +31 8000228400

Eesti

UAB Teva Baltics Eesti filiaal
Tel: +372 6610801

Norge

Teva Norway AS
Tlf: +47 66775590

Ελλάδα

Specifar A.B.E.E.
Τηλ: +30 2118805000

Österreich

ratiopharm Arzneimittel Vertriebs-GmbH
Tel: +43 1970070

España

Teva Pharma, S.L.U.
Tel: +34 913873280

Polska

Teva Pharmaceuticals Polska Sp. z o.o.
Tel: +48 223459300

France

Teva Santé
Tél: +33 155917800

Hrvatska

Pliva Hrvatska d.o.o.
Tel: +385 13720000

Ireland

Teva Pharmaceuticals Ireland
Tel: +44 2075407117

Ísland

Teva Finland Oy
Finnland
Sími: +358 201805900

Italia

Teva Italia S.r.l.
Tel: +39 028917981

Κύπρος

Specifar A.B.E.E.
Ελλάδα
Τηλ: +30 2118805000

Latvija

UAB Teva Baltics filiāle Latvijā
Tel: +371 67323666

Portugal

ratiopharm - Comércio e Industria de Produtos
Farmacêuticos, Lda.
Tel: +351 214767550

România

Teva Pharmaceuticals S.R.L.
Tel: +40 212306524

Slovenija

Pliva Ljubljana d.o.o.
Tel: +386 15890390

Slovenská republika

TEVA Pharmaceuticals Slovakia s.r.o.
Tel: +421 257267911

Suomi/Finland

Teva Finland Oy
Puh/Tel: +358 201805900

Sverige

Teva Sweden AB
Tel: +46 42121100

United Kingdom (Northern Ireland)

Teva Pharmaceuticals Ireland
Ireland
Tel: +44 2075407117

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f' {XX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent

Sildenafil ratiopharm 50 mg pilloli miksija b'rita

sildenafil

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhum Sildenafil ratiopharm u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Sildenafil ratiopharm
3. Kif għandek tieħu Sildenafil ratiopharm
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Sildenafil ratiopharm
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhum Sildenafil ratiopharm u għalxiex jintuża

Sildenafil ratiopharm fih is-sustanza attiva sildenafil li jappartjeni għall-grupp ta' mediċini msejja inibituri ta' phosphodiesterase ta' tip 5 (PDE5). Din il-mediċina tippermetti li sseħħ erezzjoni għal ħin twil biżżejjed biex inti tista' jkollok attività sesswali sodisfaċenti b'mod sħiħ. Inaqqas l-azzjoni tal-kimika naturali f'ġismek, li ġġiegħel li ma jkunx hemm erezzjonijiet. Sildenafil ratiopharm ser jaħdem biss meta tkun stimulat sesswalment.

Għalxiex jintuża Sildenafil ratiopharm

Sildenafil ratiopharm hu kura għal irġiel adulti b'disfunzjoni erettili, xi kultant tissejjaħ impotenza. Dan jiġri meta raġel ma jkunx jista' jikseb erezzjoni jew iżomm pene iebes u erett biżżejjed biex ikollu attività sesswali.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Sildenafil ratiopharm

Tiħux Sildenafil ratiopharm

- jekk inti allerġiku għal sildenafil jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (elenkati fis-sezzjoni 6).
- jekk qed tieħu mediċini li fihom in-nitrates (eż. glycerol trinitrate) jew donaturi ta' nitric oxide (eż. amyl nitrite, imsejja wkoll "poppers"). Dawn il-mediċini ta' spiss jintużaw biex itaffu s-sintomi ta' wġiġh fis-sider (angina pectoris). Li tieħu dawn il-mediċini ma' Sildenafil ratiopharm jista' jaffettwa serjament il-pressjoni tad-demem tiegħek. Għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin. Jekk ma tkunx ċert, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- qed/a tieħu riociguat. Din il-mediċina tintuża għat-trattament tal-ipertensjoni arterjali pulmonarja (i.e., pressjoni għolja tad-demem fil-pulmuni) u ipertensjoni pulmonarja tromboembolika kronika (i.e., pressjoni għolja tad-demem fil-pulmuni kkawżata minn ɕapep fid-demem). Ġie muri li inibituri ta' PDE5, bħal sildenafil, iżidu l-effetti ipotensivi ta' din il-mediċina. Jekk qed/a tieħu riociguat jew m'intix ċert/a għid lit-tabib tiegħek.
- jekk għandek problema severa tal-qalb.
- jekk dan l-aħħar kellek puplesija jew attakk tal-qalb.
- jekk għandek pressjoni tad-demem baxxa.
- jekk għandek problema severa tal-fwied.

- jekk għandek ċertu mard ereditarju rari tal-ġhajnejn (bħal retinite pigmentosa).
- jekk xi darba kellek telf ta' vista minħabba kundizzjoni tal-ġhajnejn magħrufa bħala "puplesija tal-ġhajnejn" (newropatija ottika iskemika anterjuri mhux arteritika, NAION).

Twissijiet u prekawzjonijiet

Kellem lit-tabib u l-ispiżjar tiegħek qabel tieħu Sildenafil ratiopharm

- jekk għandek problemi tal-qalb. F'dak il-każ, it-tabib tiegħek għandu jiċċekkja bir-reqqa jekk qalbek tiffaħx għall-istress addizzjonali meta tkun qed tagħmel attività sesswali.
- jekk tbat minn kwalunkwe minn dawn id-disturbi jew sintomi li ġejjin, għax jista' jkollok iktar effetti sekondarji:
 - anormalità taċ-ċelluli tad-demm ħomor (anemija taċ-ċelluli *sickle*);
 - kanċer tad-demm (leukimja);
 - kanċer tal-mudullun (majeloma multipla);
 - kwalunkwe marda jew deformità tal-pene.
- jekk tbat minn kwalunkwe minn dawn id-disturbi li ġejjin, jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek, u dan ser jiċċekkja bir-reqqa jekk din il-mediċina hijiex adattata għalik:
 - jekk bħalissa għandek ulċera fl-istonku;
 - jekk għandek disturb biex jagħqad id-demm (eż. emofilja).
- jekk tbat minn problemi tal-kliewi jew tal-fwied. Jekk jogħġbok għid lit-tabib dwar dan. F'dan il-każ, hu jista' jiddeċiedi li jagħtik doża iktar baxxa.

M'għandekx tieħu din il-mediċina

- jekk diġà qed tieħu kuri oħrajn għal disfunzjoni erettili.
- jekk diġà qed tieħu kuri oħrajn għal pressjoni għolja arterjali pulmonari (PAH) li jkun fihomsildenafil jew kwalunkwe inibituri oħrajn ta' PDE5.
- jekk m'għandekx disfunzjoni erettili.
- jekk inti mara.

Jekk ikollok tnaqqis jew telf ta' vista għal għarrieda, tiħux aktar Sildenafil ratiopharm u ikkuntattja lit-tabib tiegħek IMMEDIJATAMENT.

Tfal u adolexxenti

Din il-mediċina m'għandhiex tingħata lil tfal u adolexxenti taħt l-età ta' 18-il sena.

Mediċini oħra u Sildenafil ratiopharm

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, haadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.

F'emerġenza medika, għandek tgħid lil xi persuna li tkun qed tieħu ħsiebek li haadt Sildenafil ratiopharm.

TIĦUX Sildenafil ratiopharm jekk qed tieħu mediċini li fihom in-nitrati (eż. glycerol trinitrate) jew donaturi ta' nitric oxide (eż. amyl nitrite, imsejħa wkoll "poppers"). Dawn il-mediċini ta' spiss jintużaw biex itaffu s-sintomi ta' wġiġh fis-sider (angina pectoris). It-teħid fl-istess ħin ta' nitrates jew donaturi ta' nitric oxide ma' Sildenafil ratiopharm jista' jkollu effetti qawwija fuq il-pressjoni tad-demm tiegħek.

Għid lit-tabib jew spiżjar tiegħek jekk diġà qed tieħu riociguat.

Li tieħu Sildenafil ratiopharm flimkien ma' xi mediċini jista' jwassal għal problemi. Għalhekk, għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- ritonavir jew saquinavir (mediċini għall-kura ta' infezzjonijiet bl-HIV);

- ketoconazole jew itraconazole (mediċini għall-kura ta' infezzjonijiet fungali);
- erythromycin (antibijotiku);
- cimetidine (mediċina għall-kura ta' qrusa fl-istonku u ulċeri peptiċi);
- alpha blockers (grupp ta' mediċini għall-kura ta' pressjoni tad-demem għolja jew prostata mkabbra [iperplasija prostatika beninna]).

Xi pazjenti li jkunu qed jieħdu alpha blockers jista' jkollhom sturdament jew mejt meta jqumu bilwieqfa. Dawn huma sintomi ta' tnaqqis fil-pressjoni tad-demem meta tqum malajr minn pożizzjoni bilqiegħda jew mimduda (pressjoni baxxa li tiddependi mill-qagħda). Dawn is-sintomi normalment iseħħu fi żmien 4 sigħat minn x'ħin tkun ħadt Sildenafil ratiopharm. Sabiex tnaqqas il-probabbiltà li jseħħu dawn is-sintomi, għandek tibda tieħu Sildenafil ratiopharm biss meta tkun diġà kkontrollat tajjeb fuq doża regolari ta' kuljum tal-alpha blocker.

- mediċini li fihom sacubitril/valsartan, użati biex jitrattaw l-insuffiċjenza tal-qalb.

Jekk qed tieħu waħda minn dawn il-mediċini, it-tabib tiegħek jista' jibdiek fuq l-inqas doża (25 mg) ta' Sildenafil ratiopharm. Jekk qed tieħu ritonavir, ma tistax taqbeż doża massima ta' 25 mg ta' sildenafil f'perijodu ta' 48 siegħa.

Sildenafil ratiopharm ma' ikel, xorb u alkoħol

Meta din il-mediċina tittieħed mal-ikel jista' jkun li Sildenafil ratiopharm idum xi ftit aktar biex jaħdem.

Ix-xorb alkoħoliku jista' jagħmel id-diffikultajiet li wieħed jikseb erezzjoni xierqa. Sabiex tikseb il-benefiċċju massimu mill-mediċina tiegħek, hu rrakkomandat li tevita l-alkoħol qabel ma tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Din il-mediċina tista' tikkawża xi sturdament, jew jaffettwa l-viżta jew is-smigħ. Jekk tħossok stordut, jew jekk il-viżta jew is-smigħ tiegħek jiġu affettwati wara li tieħu Sildenafil ratiopharm, m'għandekx issuq jew tħaddem kwalunkwe għodda jew magni.

Sildenafil ratiopharm fih is-sodium

Din il-mediċina fiha anqas minn 1 mmol sodium (23 mg) f'kull pillola miksija b'rita, jiġifieri essenzzjalment 'ħielsa mis-sodium'.

3. Kif għandek tieħu Sildenafil ratiopharm

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib jew l-ispiżjar tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Id-doża rakkomandata hija

Hu ½ jew pillola Sildenafil ratiopharm waħda miksija b'rita skont ir-riċetta tat-tabib tiegħek madwar siegħa qabel l-attività sesswali. Ibla' l-pillola miksija b'rita sħiħa ma' tazza ilma.

M'għandekx tieħu iktar pilloli miksija b'rita milli jgħidlek it-tabib tiegħek.

M'għandekx tieħu Sildenafil ratiopharm iktar minn darba kuljum.

Din il-mediċina se tgħinek tikseb erezzjoni jekk tkun sesswalment stimulat biss. L-ammont ta' ħin li jieħu Sildenafil ratiopharm biex jaħdem ivarja minn persuna għall-oħra, iżda normalment jieħu bejn nofs siegħa u siegħa. Tista' tinnota li din il-mediċina se tgħinek tieħu aktar żmien biex taħdem jekk teħodha ma' ikla kbira.

Jekk din il-mediċina ma tgħinekx tikseb erezzjoni, jew jekk l-erezzjoni tiegħek ma ddumx biżżejjed biex ikun jista' jkollok att sesswali sodisfaċenti, għandek tgħid lit-tabib tiegħek.

Jekk tieħu Sildenafil ratiopharm aktar milli support

Irġiel li jieħu Sildenafil ratiopharm iżżejjed jista' jkollhom iktar effetti sekondarji jew jista' jkollhom uġiġħ sever fil-muskoli. Jekk tieħu iktar Sildenafil ratiopharm minn dak li hemm fuq ir-riċetta, għid it-tabib tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd. Dawn l-effetti sekondarji rrappurtati ma' l-użu ta' sildenafil huma ġeneralment ħfief għal moderati u ma jdumux.

Jekk ikollok kwalunkwe minn dawn l-effetti sekondarji li ġejjin, għandek tieqaf tieħu Sildenafil ratiopharm u tfittex għajnuna medika immedjatament:

- Reazzjoni allerġika - din isseħħ **b'mod mhux komuni** (tista' taffettwa persuna 1 minn kull 100).
Is-sintomi jinkludu tħarħir tan-nifs f'daqqa, diffikulta' biex tieħu n-nifs u sturdament, nefħa fil-kapell ta' l-għajn, fil-wieċ u fil-grizmejn.
- Uġiġħ fis-sider - dan isseħħ **b'mod mhux komuni**.
Jekk dan isseħħ matul jew wara l-att sesswali:
 - Oqgħod f'pożizzjoni kważi bilqiegħda u pprova rrilassa.
 - **Tużax nitrates** biex tikkura l-uġiġħ fis-sider.
- Erezzjonijiet li jdumu żmien twil u kultant bl-uġiġħ -dawn isseħħu **b'mod rari** (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000).
Jekk ikollok erezzjoni bħal din, li ddum kontinwament għal iktar minn 4 sigħat, għandek tikkuntattja tabib immedjatament.
- Tnaqqis jew telf fil-vista f'daqqa - dan isseħħ **b'mod rari**.
- Reazzjonijiet serji tal-ġilda - dawn isseħħu **b'mod rari**.
Is-sintomi jistgħu jinkludu tqaxxir sever u nefħa tal-ġilda, infafet fil-ħalq, fil-partijiet ġenitali u madwar l-għajnejn, deni.
- Puplesiji jew aċċessjonijiet - dawn isseħħu **b'mod rari**.

Effetti sekondarji oħrajn:

Komuni ħafna (jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna 1 minn kull 10): uġiġħ ta' ras.

Komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10): dardir, ħmura fil-wieċ, fwawar tal-menopawża (sintomi jinkludu sensazzjoni f'daqqa ta' sħana fil-parti ta' fuq tal-ġisem), indiġestjoni, vista mżewwqa b'xi kulur, vista mċajpra, disturb viżiv, imnifsejn miżduda u sturdament.

Mhux komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100): rimettar, raxx, irritazzjoni fl-għajnejn, għajnejn ħomor, uġiġħ fl-għajn, tara leħħiet ta' dawl bħal berqa, luminożità viżiva, sensittività għad-dawl, għajnejn idemmġu, taħbit qawwi tal-qalb, taħbit tal-qalb mgħaġġel, pressjoni għolja, pressjoni baxxa, uġiġħ fil-muskoli, nġhas tqil, tnaqqis fis-sens tal-mess, vertigo, tisfir fil-widnejn, ħalq xott, imnifsejn imblukkati jew mimlijin, infjammazzjoni tar-rita tal-imnieħer (sintomi jinkludu tnixxija, għatis u sadda), uġiġħ addominali fil-parti ta' fuq, mard tar-rifluss gastro-esofaġeali (sintomi jinkludu ħruq ta' stonku), preżenza ta' demm fl-awrina, uġiġħ fid-dirgħajn u r-riġlejn, fsada fl-imnieħer, sensazzjoni ta' sħana u għeja.

Rari (jistgħu' jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000): ħażż ħażin, puplesija, attakk tal-qalb, taħbit irregolari tal-qalb, fluss tad-demmi temporanjament imnaqqas għal partijiet tal-moħħ, sensazzjoni ta' ssikkar tal-gerżuma, telf ta' sensazzjoni fil-ħalq, fsada fuq wara tal-għajnejn, tara doppju, tnaqqis fil-preċiżjoni viżiva, sensazzjoni mhux normali fl-għajnejn, nefħa tal-għajn jew tal-kappell tal-għajn, frak jew tikek żgħar fil-vista tiegħek, tara dijadi madwar id-dwal, dilatazzjoni tal-ħabba tal-għajn, telf ta' kulur tal-abjad tal-għajnejn, fsada fil-pene, preżenza ta' demmi fis-semen, imnieħer xott, nefħa fuq ġewwa tal-imnieħer, tħossok irritabbli u telf f'daqqa tas-smiġħ.

Minn esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, b'mod rari ġew irrappurtati każijiet ta' aġina instabbli (kundizzjoni tal-qalb) mewt għall-għarrieda. Ta' min wieħed jinnota li l-biċċa l-kbira tal-irġiel, iżda mhux kollha, li kellhom dawn l-effetti sekondarji kellhom problemi tal-qalb qabel ma ħadu din il-mediċina. Mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit jekk dawn l-avvenimenti kinux marbuta direttament ma' Sildenafil ratiopharm.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

5. Kif taħżen Sildenafil ratiopharm

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi, li tidher fuq il-kaxxa tal-kartun ta' barra u fuq il-folja wara EXP. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Sildenafil ratiopharm

- Is-sustanza attiva hi sildenafil.
- Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 50 mg ta' sildenafil.
- Is-sustanzi l-oħra huma: microcrystalline cellulose, hypromellose, croscarmellose sodium, magnesium stearate, calcium hydrogen phosphate, talc, macrogol 6000, titanium dioxide, iron oxide red.

Kif jidher Sildenafil ratiopharm u l-kontenut tal-pakkett

Sildenafil ratiopharm huma pilloli miksija b'rita, oblunga, minn bojod sa bojod jagħtu fil-griż, b'tarf u sinjal minn fejn tista' taqsamhom fuq naħa waħda. Il-pillola tista' tinqasam f'dożi indaqs.

Sildenafil ratiopharm hu fornut f'pakketti ta' 1, 2, 4, 8, 12 jew 24 pillola miksija b'rita fil-folji. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għal skop kummerċjali.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

ratiopharm GmbH
Graf-Arco-Straße 3
89079 Ulm
Il-Ġermanja

Manifattur

Merckle GmbH
Ludwig-Merckle-Straße 3
89143 Blaubeuren
Il-Ġermanja

Teva Operations Poland Sp. z o.o.
ul. Mogilska 80
31-546 Kraków
Il-Polonja

HBM Pharma s.r.o
Sklabinská 30
036 80 Martin
Is-Slovakkja

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

België/Belgique/Belgien

Teva Pharma Belgium N.V./S.A./AG
Tél/Tel: +32 38207373

Lietuva

UAB Teva Baltics
Tel: +370 52660203

България

Тева Фарма ЕАД
Тел: +359 24899585

Luxembourg/Luxemburg

ratiopharm GmbH
Allemagne/Deutschland
Tél/Tel: +49 73140202

Česká republika

Teva Pharmaceuticals CR, s.r.o.
Tel: +420 251007111

Magyarország

Teva Gyógyszergyár Zrt.
Tel: +36 12886400

Danmark

Teva Denmark A/S
Tlf: +45 44985511

Malta

Teva Pharmaceuticals Ireland
L-Irlanda
Tel: +44 2075407117

Deutschland

ratiopharm GmbH
Tel: +49 73140202

Nederland

Teva Nederland B.V.
Tel: +31 8000228400

Eesti

UAB Teva Baltics Eesti filiaal
Tel: +372 6610801

Norge

Teva Norway AS
Tlf: +47 66775590

Ελλάδα

Specifar A.B.E.E.
Τηλ: +30 2118805000

Österreich

ratiopharm Arzneimittel Vertriebs-GmbH
Tel: +43 1970070

España

Teva Pharma, S.L.U.
Tel: +34 913873280

Polska

Teva Pharmaceuticals Polska Sp. z o.o.
Tel: +48 223459300

France

Teva Santé
Tél: +33 155917800

Hrvatska

Pliva Hrvatska d.o.o.
Tel: +385 13720000

Ireland

Teva Pharmaceuticals Ireland
Tel: +44 2075407117

Ísland

Teva Finland Oy
Finnland
Sími: +358 201805900

Italia

Teva Italia S.r.l.
Tel: +39 028917981

Κύπρος

Specifar A.B.E.E.
Ελλάδα
Τηλ: +30 2118805000

Latvija

UAB Teva Baltics filiāle Latvijā
Tel: +371 67323666

Portugal

ratiopharm - Comércio e Industria de Produtos
Farmacêuticos, Lda.
Tel: +351 214767550

România

Teva Pharmaceuticals S.R.L.
Tel: +40 212306524

Slovenija

Pliva Ljubljana d.o.o.
Tel: +386 15890390

Slovenská republika

TEVA Pharmaceuticals Slovakia s.r.o.
Tel: +421 257267911

Suomi/Finland

Teva Finland Oy
Puh/Tel: +358 201805900

Sverige

Teva Sweden AB
Tel: +46 42121100

United Kingdom (Northern Ireland)

Teva Pharmaceuticals Ireland
Ireland
Tel: +44 2075407117

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f' {XX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent

Sildenafil ratiopharm 100 mg pilloli miksiya b'rita

sildenafil

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok b'zonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhum Sildenafil ratiopharm u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Sildenafil ratiopharm
3. Kif għandek tieħu Sildenafil ratiopharm
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Sildenafil ratiopharm
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhum Sildenafil ratiopharm u għalxiex jintuża

Sildenafil ratiopharm fih is-sustanza attiva sildenafil li jappartjeni għall-grupp ta' mediċini msejja inibituri ta' phosphodiesterase ta' tip 5 (PDE5). Din il-mediċina tippermetti li sseħħ erezzjoni għal ħin twil biżżejjed biex inti tista' jkollok attività sesswali sodisfaċenti b'mod sħiħ. Inaqqas l-azzjoni tal-kimika naturali f'għismek, li għiegħel li ma jkunx hemm erezzjonijiet. Sildenafil ratiopharm ser jaħdem biss meta tkun stimulat sesswalment.

Għalxiex jintuża Sildenafil ratiopharm

Sildenafil ratiopharm hu kura għal irġiel adulti b'disfunzjoni erettili, xi kultant tissejjaħ impotenza. Dan jiġri meta raġel ma jkunx jista' jikseb erezzjoni jew iżomm pene iebes u erett biżżejjed biex ikollu attività sesswali.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Sildenafil ratiopharm

Tiħux Sildenafil ratiopharm

- jekk inti allerġiku għal sildenafil jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (elenkati fis-sezzjoni 6).
- jekk qed tieħu mediċini li fihom in-nitrates (eż. glycerol trinitrate) jew donaturi ta' nitric oxide (eż. amyl nitrite, imsejja wkoll "poppers"). Dawn il-mediċini ta' spiss jintużaw biex itaffu s-sintomi ta' wġiġh fis-sider (angina pectoris). Li tieħu dawn il-mediċini ma' Sildenafil ratiopharm jista' jaffettwa serjament il-pressjoni tad-demem tiegħek. Għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin. Jekk ma tkunx ċert, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- qed/a tieħu riociguat. Din il-mediċina tintuża għat-trattament tal-ipertensjoni arterjali pulmonarja (i.e., pressjoni għolja tad-demem fil-pulmuni) u ipertensjoni pulmonarja tromboembolika kronika (i.e., pressjoni għolja tad-demem fil-pulmuni kkawżata minn ɔapep fid-demem). Għe muri li inibituri ta' PDE5, bħal sildenafil, iżidu l-effetti ipotensivi ta' din il-mediċina. Jekk qed/a tieħu riociguat jew m'intix ɔert/a għid lit-tabib tiegħek.
- jekk għandek problema severa tal-qalb.
- jekk dan l-aħħar kellek puplesija jew attakk tal-qalb.
- jekk għandek pressjoni tad-demem baxxa.

- jekk għandek problema severa tal-fwied.
- jekk għandek ċertu mard ereditarju rari tal-ġhajnejn (bħal retinite pigmentosa).
- jekk xi darba kellek telf ta' vista minħabba kundizzjoni tal-ġhajnejn magħrufa bħala "puplesija tal-ġhajnejn" (newropatija ottika iskemika anterjuri mhux arteritika, NAION).

Twissijiet u prekawzzjonijiet

Kellem lit-tabib u l-ispiżjar tiegħek qabel tiegħu Sildenafil ratiopharm

- jekk għandek problemi tal-qalb. F'dak il-każ, it-tabib tiegħek għandu jiċċekkja bir-reqqa jekk qalbek tiflaħx għall-istress addizzjonali meta tkun qed tagħmel attività sesswali.
- jekk tbat i minn kwalunkwe minn dawn id-disturbi jew sintomi li ġejjin, għax jista' jkollok iktar effetti sekondarji:
 - anormalità taċ-ċelluli tad-demm ħomor (anemija taċ-ċelluli *sickle*);
 - kanċer tad-demm (lewkimja);
 - kanċer tal-mudullun (majeloma multipla);
 - kwalunkwe marda jew deformità tal-pene.
- jekk tbat i minn kwalunkwe minn dawn id-disturbi li ġejjin, jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek, u dan ser jiċċekkja bir-reqqa jekk din il-mediċina hijiex adattata għalik:
 - jekk bħalissa għandek ulċera fl-istonku;
 - jekk għandek disturb biex jagħqad id-demm (eż. emofilja).
- jekk tbat i minn problemi tal-kliewi jew tal-fwied. Jekk jogħġbok għid lit-tabib dwar dan. F'dan il-każ, hu jista' jiddeċiedi li jagħtik doża iktar baxxa.

M'għandekx tiegħu din il-mediċina

- jekk diġà qed tiegħu kuri oħrajn għal disfunzjoni erettili.
- jekk diġà qed tiegħu kuri oħrajn għal pressjoni għolja arterjali pulmonari (PAH) li jkun fihomsildenafil jew kwalunkwe inibituri oħrajn ta' PDE5.
- jekk m'għandekx disfunzjoni erettili.
- jekk inti mara.

Jekk ikollok tnaqqis jew telf ta' vista għal għarrieda, tiħux aktar Sildenafil ratiopharm u ikkuntattja lit-tabib tiegħek IMMEDIJATAMENT.

Tfal u adolexxenti

Din il-mediċina m'għandhiex tingħata lil tfal u adolexxenti taħt l-età ta' 18-il sena.

Mediċini oħra u Sildenafil ratiopharm

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tiegħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tiegħu xi mediċina oħra.

F'emerġenza medika, għandek tgħid lil xi persuna li tkun qed tiegħu ħsiebek li ħadt Sildenafil ratiopharm.

TIĦUX Sildenafil ratiopharm jekk qed tiegħu mediċini li fihom in-nitrati (eż. glycerol trinitrate) jew donaturi ta' nitric oxide (eż. amyl nitrite, imsejħa wkoll "poppers"). Dawn il-mediċini ta' spiss jintużaw biex itaffu s-sintomi ta' wġiġh fis-sider (angina pectoris). It-teħid fl-istess ħin ta' nitrates jew donaturi ta' nitric oxide ma' Sildenafil ratiopharm jista' jkollu effetti qawwija fuq il-pressjoni tad-demmi tiegħek.

Għid lit-tabib jew spiżjar tiegħek jekk diġà qed tiegħu riociguat.

Li tiegħu Sildenafil ratiopharm flimkien ma' xi mediċini jista' jwassal għal problemi. Għalhekk, għid lit-tabib tiegħek jekk qed tiegħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- ritonavir jew saquinavir (mediċini għall-kura ta' infezzjonijiet bl-HIV);
- ketoconazole jew itraconazole (mediċini għall-kura ta' infezzjonijiet fungali);
- erythromycin (antibijotiku);
- cimetidine (mediċina għall-kura ta' qrusa fl-istonku u ulċeri peptiċi);
- alpha blockers (grupp ta' mediċini għall-kura ta' pressjoni tad-demem għolja jew prostata mkabbra [iperplasija prostatika beninna]).

Xi pazjenti li jkunu qed jieħdu alpha blockers jista' jkollhom sturdament jew mejt meta jqumu bilwieqfa. Dawn huma sintomi ta' tnaqqis fil-pressjoni tad-demem meta tqum malajr minn pożizzjoni bilqiegħda jew mimduda (pressjoni baxxa li tiddependi mill-qagħda). Dawn is-sintomi normalment iseħħu fi żmien 4 sigħat minn x'ħin tkun ħadt Sildenafil ratiopharm. Sabiex tnaqqas il-probabbiltà li jseħħu dawn is-sintomi, għandek tibda tiegħu Sildenafil ratiopharm biss meta tkun diġà kkontrollat tajjeb fuq doża regolari ta' kuljum tal-alpha blocker.

- mediċini li fihom sacubitril/valsartan, użati biex jitrattaw l-insuffiċjenza tal-qalb.

Jekk qed tiegħu waħda minn dawn il-mediċini, it-tabib tiegħek jista' jibdiek fuq l-inqas doża (25 mg) ta' Sildenafil ratiopharm. Jekk qed tiegħu ritonavir, ma tistax taqbeż doża massima ta' 25 mg ta' sildenafil f'perijodu ta' 48 siegħa.

Sildenafil ratiopharm ma' ikel, xorb u alkoħol

Meta din il-mediċina tittieħed mal-ikel jista' jkun li Sildenafil ratiopharm idum xi ftit aktar biex jaħdem.

Ix-xorb alkoħoliku jista' jagħmel id-diffikultajiet li wieħed jikseb erezzjoni xierqa. Sabiex tikseb il-benefiċċju massimu mill-mediċina tiegħek, hu rrakkomandat li tevita l-alkoħol qabel ma tiegħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Din il-mediċina tista' tikkawża xi sturdament, jew jaffettwa l-viżta jew is-smiġh. Jekk tħossok stordut, jew jekk il-viżta jew is-smiġh tiegħek jiġu affettwati wara li tiegħu Sildenafil ratiopharm, m'għandekx issuq jew tħaddem kwalunkwe għodda jew magni.

Sildenafil ratiopharm fih is-sodium

Din il-mediċina fiha anqas minn 1 mmol sodium (23 mg) f'kull pillola miksija b'rita, jiġifieri essenzjalment 'ħielsa mis-sodium'.

3. Kif għandek tiegħu Sildenafil ratiopharm

Dejjem għandek tiegħu din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib jew l-ispiżjar tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Id-doża rakkomandata hija

Hu ½ jew pillola Sildenafil ratiopharm waħda miksija b'rita skont ir-riċetta tat-tabib tiegħek madwar siegħa qabel l-attività sesswali. Ibla' l-pillola miksija b'rita sħiħa ma' tazza ilma.

M'għandekx tiegħu iktar pilloli miksija b'rita milli jgħidlek it-tabib tiegħek.

M'għandekx tiegħu Sildenafil ratiopharm iktar minn darba kuljum.

Din il-mediċina se tgħinek tikseb erezzjoni jekk tkun sesswalment stimulat biss. L-ammont ta' ħin li jieħu Sildenafil ratiopharm biex jaħdem ivarja minn persuna għall-oħra, iżda normalment jieħu bejn nofs siegħa u siegħa. Tista' tinnota li din il-mediċina se tgħinek tiegħu aktar żmien biex taħdem jekk teħodha ma' ikla kbira.

Jekk din il-mediċina ma tgħinekx tikseb erezzjoni, jew jekk l-erezzjoni tiegħek ma ddumx biżżejjed biex ikun jista' jkollok att sesswali sodisfaċenti, għandek tgħid lit-tabib tiegħek.

Jekk tieħu Sildenafil ratiopharm aktar milli suppost

Irġiel li jieħu Sildenafil ratiopharm iżżejjed jista' jkollhom iktar effetti sekondarji jew jista' jkollhom uġigħ sever fil-muskoli. Jekk tieħu iktar Sildenafil ratiopharm minn dak li hemm fuq ir-riċetta, għid it-tabib tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd. Dawn l-effetti sekondarji rrapportati ma' l-użu ta' sildenafil huma ġeneralment ħfief għal moderati u ma jdumux.

Jekk ikollok kwalunkwe minn dawn l-effetti sekondarji li ġejjin, għandek tieqaf tieħu Sildenafil ratiopharm u tfittex għajna medika immedjatament:

- Reazzjoni allerġika - din isseħħ **b'mod mhux komuni** (tista' taffettwa persuna 1 minn kull 100).
Is-sintomi jinkludu tħarħir tan-nifs f'daqqa, diffikulta' biex tieħu n-nifs u sturdament, nefħa fil-kapell ta' l-għajn, fil-wieċ u fil-grizmejn.
- Uġigħ fis-sider - dan isseħħ **b'mod mhux komuni**.
Jekk dan isseħħ matul jew wara l-att sesswali:
 - Oqgħod f'pożizzjoni kważi bilqiegħda u pprova rilassa.
 - **Tużax nitrates** biex tikkura l-uġigħ fis-sider.
- Erezzjonijiet li jdumu żmien twil u kultant bl-uġieħ -dawn isseħħu **b'mod rari** (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000).
Jekk ikollok erezzjoni bħal din, li ddum kontinwament għal iktar minn 4 sigħat, għandek tikkuntattja tabib immedjatament.
- Tnaqqis jew telf fil-vista f'daqqa - dan isseħħ **b'mod rari**.
- Reazzjonijiet serji tal-ġilda - dawn isseħħu **b'mod rari**.
Is-sintomi jistgħu jinkludu tqaxxir sever u nefħa tal-ġilda, infafet fil-ħalq, fil-partijiet ġenitali u madwar l-għajnejn, deni.
- Puplesiji jew aċċessjonijiet - dawn isseħħu **b'mod rari**.

Effetti sekondarji oħrajn:

Komuni ħafna (jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna 1 minn kull 10): uġigħ ta' ras.

Komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10): dardir, ħmura fil-wieċ, fwawar tal-menopawża (sintomi jinkludu sensazzjoni f'daqqa ta' sħana fil-parti ta' fuq tal-ġisem), indiġestjoni, vista mżewwqa b'xi kulur, vista mċajpra, disturb viżiv, imnifsejn miżduda u sturdament.

Mhux komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100): rimettar, raxx, irritazzjoni fl-għajnejn, għajnejn ħomor, uġigħ fl-għajn, tara leħħiet ta' dawl bħal berqa, luminożità viżiva, sensittività għad-dawl, għajnejn idemmġu, tħbit qawwi tal-qalb, tħbit tal-qalb mgħaġġel, pressjoni għolja, pressjoni baxxa, uġigħ fil-muskoli, nġhas tqil, tnaqqis fis-sens tal-mess, vertigo, tisfir fil-widnejn, ħalq xott, imnifsejn imblukkati jew mimlijin, infjammazzjoni tar-rita tal-imnieħer (sintomi jinkludu tnixxija, għatis u sadda), uġigħ addominali fil-parti ta' fuq, mard tar-rifluss gastro-esofaġeali (sintomi jinkludu ħruq ta' stonku), preżenza ta' demm fl-awrina, uġigħ fid-dirgħajn u r-riġlejn, fsada fl-imnieħer, sensazzjoni ta' sħana u għeja.

Rari (jistgħu' jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000): ħass ħażin, puplesija, attakk tal-qalb, taħbit irregolari tal-qalb, fluss tad-demmm temporanjament imnaqqas għal partijiet tal-moħħ, sensazzjoni ta' ssikkar tal-gerżuma, telf ta' sensazzjoni fil-ħalq, fsada fuq wara tal-għajnejn, tara doppju, tnaqqis fil-preċiżjoni viżiva, sensazzjoni mhux normali fl-għajnejn, nefħa tal-għajn jew tal-kappell tal-għajn, frak jew tikek żgħar fil-vista tiegħek, tara dijadiemi madwar id-dwal, dilatazzjoni tal-ħabba tal-għajn, telf ta' kulur tal-abjad tal-għajnejn, fsada fil-pene, preżenza ta' demm fis-semen, imnieħer xott, nefħa fuq ġewwa tal-imnieħer, tħossok irritabbli u telf f'daqqa tas-smiġħ.

Minn esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, b'mod rari ġew irrappurtati każijiet ta' angina instabbli (kundizzjoni tal-qalb) mewt għall-għarrieda. Ta' min wieħed jinnota li l-bieċa l-kbira tal-irġiel, iżda mhux kollha, li kellhom dawn l-effetti sekondarji kellhom problemi tal-qalb qabel ma ħadu din il-mediċina. Mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit jekk dawn l-avvenimenti kinux marbuta direttament ma' Sildenafil ratiopharm.

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

5. Kif taħżen Sildenafil ratiopharm

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħxaq mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi, li tidher fuq il-kaxxa tal-kartun ta' barra u fuq il-folja wara EXP. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Sildenafil ratiopharm

- Is-sustanza attiva hi sildenafil.
- Kull pillola miksija b'rita fiha sildenafil citrate ekwivalenti għal 100 mg ta' sildenafil.
- Is-sustanzi l-oħra huma: microcrystalline cellulose, hypromellose, croscarmellose sodium, magnesium stearate, calcium hydrogen phosphate, talc, macrogol 6000, titanium dioxide, iron oxide red.

Kif jidher Sildenafil ratiopharm u l-kontenut tal-pakkett

Sildenafil ratiopharm huma pilloli miksija b'rita, oblunga, minn bojod sa bojod jagħtu fil-griż, b'tarf u sinjal minn fejn tista' taqsamhom fuq naħa waħda. Il-pillola tista' tinqasam f'dożi indaqs.

Sildenafil ratiopharm hu fornut f'pakketti ta' 1, 2, 4, 8, 12, 24 jew 48 pillola miksija b'rita fil-folji. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għal skop kummerċjali.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

ratiopharm GmbH
Graf-Arco-Straße 3
89079 Ulm
Il-Ġermanja

Manifattur

Merckle GmbH
Ludwig-Merckle-Straße 3
89143 Blaubeuren
Il-Ġermanja

Teva Operations Poland Sp. z o.o.
ul. Mogilska 80
31-546 Kraków
Il-Polonja

HBM Pharma s.r.o
Sklabinská 30
036 80 Martin
Is-Slovakkja

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

België/Belgique/Belgien

Teva Pharma Belgium N.V./S.A./AG
Tél/Tel: +32 38207373

Lietuva

UAB Teva Baltics
Tel: +370 52660203

България

Тева Фарма ЕАД
Тел: +359 24899585

Luxembourg/Luxemburg

ratiopharm GmbH
Allemagne/Deutschland
Tél/Tel: +49 73140202

Česká republika

Teva Pharmaceuticals CR, s.r.o.
Tel: +420 251007111

Magyarország

Teva Gyógyszergyár Zrt.
Tel: +36 12886400

Danmark

Teva Denmark A/S
Tlf: +45 44985511

Malta

Teva Pharmaceuticals Ireland
L-Irlanda
Tel: +44 2075407117

Deutschland

ratiopharm GmbH
Tel: +49 73140202

Nederland

Teva Nederland B.V.
Tel: +31 8000228400

Eesti

UAB Teva Baltics Eesti filiaal
Tel: +372 6610801

Norge

Teva Norway AS
Tlf: +47 66775590

Ελλάδα

Specifar A.B.E.E.
Τηλ: +30 2118805000

Österreich

ratiopharm Arzneimittel Vertriebs-GmbH
Tel: +43 1970070

España

Teva Pharma, S.L.U.
Tel: +34 913873280

Polska

Teva Pharmaceuticals Polska Sp. z o.o.
Tel: +48 223459300

France

Teva Santé
Tél: +33 155917800

Hrvatska

Pliva Hrvatska d.o.o.
Tel: +385 13720000

Ireland

Teva Pharmaceuticals Ireland
Tel: +44 2075407117

Ísland

Teva Finland Oy
Finnland
Sími: +358 201805900

Italia

Teva Italia S.r.l.
Tel: +39 028917981

Κύπρος

Specifar A.B.E.E.
Ελλάδα
Τηλ: +30 2118805000

Latvija

UAB Teva Baltics filiāle Latvijā
Tel: +371 67323666

Portugal

ratiopharm - Comércio e Industria de Produtos
Farmacêuticos, Lda.
Tel: +351 214767550

România

Teva Pharmaceuticals S.R.L.
Tel: +40 212306524

Slovenija

Pliva Ljubljana d.o.o.
Tel: +386 15890390

Slovenská republika

TEVA Pharmaceuticals Slovakia s.r.o.
Tel: +421 257267911

Suomi/Finland

Teva Finland Oy
Puh/Tel: +358 201805900

Sverige

Teva Sweden AB
Tel: +46 42121100

United Kingdom (Northern Ireland)

Teva Pharmaceuticals Ireland
Ireland
Tel: +44 2075407117

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f' {XX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.